# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sebgħa (7) ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 240/2020FDP**

Fl-ismijiet
**Vasileios Sarafis f'ismu proprju u f'isem bintu minuri Natalia Sarafi**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili**

**Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza**

**U**

**Anna Zioura (K.I: 182480A)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 22 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

*Jesponi bir-rispett ILLI:*

*A. Spjegazzjoni Preliminari tal-Fatti tal-Kawża.*

*L-esponenti, impjegat ta' NBG Bank Malta Limited u li kien coach tal-football, huwa l-missier bioloġiku ta' Natalia Sarafi, li twieldet fit-3 ta' Ġunju 2011, mir-relazzjoni tiegħu mal-intimata Anna Zioura. Iż-żwieġ tagħhom ġie ċċelebrat ġo Volos, il-Greċja fit-23 ta' Mejju 2010, u l-konjuġi stabilixxew ir-residenza tagħhom f'Malta fis-sena 2017. Binthom minuri Natalia Sarafi*

*għexet esklussivament mal-esponenti wara li l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali, u dan għamlitu għax riedet u għax kienet kuntenta tgħix ma' missierha. L-esponenti kien u għadu missier eżemplari għal bintu Natalia, u ilu hekk sa mit-twelid tagħha. Huwa ilu li ħa fuqu l-irwol tal-omm u l-missier f'salt, u tal-uniku gwardjan ta' Natalia bosta snin ilu. Dan huwa kkonfermat minn diversi persuni, inkluża bintu stess. Lanqas l-intimata Anna Zioura stess ma tikkontesta dan. Huwa fatt illi Natalia Sarafi tixtieq tgħix ma' missierha, iżda sfortunatament din ġie żvestita mill-opportunità li turi u tipprova dan fil-proċeduri ġudizzjarji pendente lite.*

*Minkejja l-premess, b'digriet datat 24 ta' Settembru 2019, li kopja tiegħu qiegħda tiġi annessa ma' dan ir-rikors bħala 'Dok VS1', l-Onorabbli Qorti tal-Familja ddeċidiet illi Natalia Sarafi għandha tmur tgħix ma' ommha, u tat biss lill-esponenti drittijiet ta' viżitazzjoni restritti. Id-digriet imsemmi jikser diversi drittijiet tal-bniedem tal-esponenti u/jew ta' bintu. Dan kollu se jiġi pprovat f'dan ir-rikors. Wara d-digriet, l-esponenti talab, kif jidher mill-proċess tar-rikors ġuramentat nru. 244/19JPG, illi l-Imħallef li kienet qiegħda tippresjedi tastjeni ruħha u li tiġi sorrogata minn Imħallef ieħor. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda b'digriet datat 16 ta' Lulju 2020, li kopja tiegħu qiegħda tiġi annessa ma' dan ir-rikors bħala 'Dok. VS2'. Dan id-digriet, ukoll, jikser diversi drittijiet tal-bniedem tal-esponenti u bintu minuri Natalia. Barra minn hekk, l-Onorabbli Qorti tal-Familja ddeċidiet li ma tiżvelax ir-rapporti tal-Aġenzija Appoġġ wara li ġew mitluba, liema rapporti għadhom s'issa ma ġewx magħmula disponibbli għar-rikorrenti. Huma jinsabu ssiġillati fil-proċess tal-kawża.*

*Fl-istess ħin li fih l-intimata Anna Zioura fetħet proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), l-esponenti fil-proċeduri odjerni beda proċeduri paralellari quddiem l-istess Qorti tal-Familja, liema proċeduri nfetħu qabel ma huwa ġie nnoftikat bl-oħrajn istitwiti minn Anna Zioura. Dawn il-proċeduri huma sub jiudice u għandhom in-numru 245/2019AL. Permezz ta' rikors istitwit fis-6 ta' Mejju 2020, fl-atti tal-proċeduri msemmija, l-esponenti talab lill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) s-segwenti:*

*1. Tordna li kwalunkwe rapporti tal-Aġenzija Appoġġ li jinsabu miżmuma fil-proċess tar-rikors 244/2019 fl-ismijiet ta' Anna Zioura v Vasileios Sarafis, jiġu annessi ma' dawn il-proċeduri;*
*2. Wara li din l-Onorabbli Qorti taċċessa dawn ir-rapporti, isiru disponibbli lill-assistiti u l-assistenti legali tagħhom;*
*3. Tappunta Avukat tat-Tfal sabiex jintervista lill-minuri Natalia Sarafi u sussegwentement jirrapporta x-xewqat tal-istess minuri lil din l-Onorabbli Qorti;*
*4. Tagħmel dan ir-rapport disponibbli lill-assistiti u l-assistenti legali tagħhom;*
*5. Sussegwentement, wara li tieħu konjizzjoni tar-rapporti premessi, tiddipartixxi mid-digriet tagħha datat 24 ta' Settembru 2019, u waqt li tiċħad it-talbiet misjuba fir-rikors ta' Anna Zioura tat-8 ta' Mejju 2019, u tilqa' r-risposta sostnuna mir-rikors odjern tal-15 ta' Mejju 2019, tordna illi r-residenza prinċipali tal-minuri Natalia Sarafi għandha tkun mar-rikorrenti*

*odjern, bi drittijiet ta' viżitazzjoni riżervati lill-intimata, kif diġà ġie ordnat fil-passat min din l-Onorabbli Qorti.*

*Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) 'iddikjarat' billi tonqos milli tiddikjara permezz ta' digriet illi kopja tiegħu qiegħda tiġi annessa bħala 'Dok. VS3'. Hija rrinunzjat is-setgħat ġudizzjarji tagħha u poġġiet il-kwistjoni f'ħoġor kwalunkwe awtorità oħra illi, in abstracto, possibilment u preżumibbilment, sejra b'xi mod u/jew f'xi stadju 'fl-aħħar tistabilixxi min għandu jisma' ż-żewġ kawżi in kwistjoni.' Għalhekk, il-bżonn urġenti għal dawn il-proċeduri kostituzzjonali huwa evidenti. Mingħajr ebda dubju, l-esponenti u bintu jħossuhom aggravati repetutament mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), liema aggravji ssarrfu wkoll f'danni. Ir-rikkorrenti huwa lest li jipproteġi l-interess ta' bintu minuri Natalia Sarafi b'kull mod u mezz permissibbli lilu bil-liġi, irrispettivament minn kwalunkwe spejjeż, flejjes, riżorsi, enerġija, dieqa, ansjetà u żmien li dan se jeħodlu. L-imħabba u s-sens ta' responsabbiltà lejn bintu m'għandhiex fruntieri. Huwa proprju għalhekk illi l-esponenti kien kostrett illi jirrikorri u jistitwixxi l-proċedura kostituzzjonali odjerna. Billi din hija materja tant sensittiva, fl-interess ta' bintu minuri Natalia Sarafi u tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'waqtha, l-esponenti qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonsidra dan ir-rikors b'mod urġenti, b'mod speċjali t-talba ta' rimedju pendente lite.*

*B. Il-ksur kontinwat ta' diversi Drittijiet tal-Bniedem tar-Rikorrenti u/jew ta' Bintu Minuri.*

*Wara li rajna b'mod brevi l-fatti relevanti tal-kawża odjerna u wara li dawn ġew murija fil-kuntest tagħhom, din il-parti se tindirizza u turi kif b'dawn l-azzjonijiet u/jew azzjonijiet tal-intimati, kemm individwalment u kemm b'mod kumulattiv, ivvjolaw, u għadhom sal-ġurnata tal-lum jivvjolaw diversi drittijiet tal-bniedem tar-rikorrenti u/jew ta' bintu l-minuri, li huma protetti taħt il-Kostituzzjoni. Dawn l-azzjonijiet u/jew ommissjonijiet iwittu t-triq għall-konsumazzjoni ta' ksur ulterjuri ta' dawn id-drittijiet, għal liema ksur l-esponenti u/jew bintu minuri huma esposti. Is-segwenti jikkostitwixxu l-proviżjonijiet legali illi ġew miksura u/jew vjolati b'mod kontinwu mill-intimat/i:*

i. *Artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod speċjali l-**obbligazzjonijiet pożittivi tal-Istat**;*

ii. *Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha **jipprojbixxu t-tortura u trattament jew kastig inuman u degradanti**;*

iii. *Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 39 subinċiż (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u Artikolu 14 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha jissalvagwardjaw **id-dritt ta' smigħ xieraq** minn tribunal indipendenti u imparzjali fi żmien raġonevoli;*

iv. *Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 9 tal-Karta tad-Drittijiet Fundaentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 32 subinċiż (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikoli 17 u 23 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha* ***jipproteġu d-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari;***

v. *Artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 2 sub-inċiż (3) tal-Patt Internazzjonali Dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha jassiguraw* ***id-dritt għal rimedju nazzjonali effettiv;***

vi. *Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 21 subinċiż (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 45 subinċiż (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u Artikolu 26 tal-Patt Internazzjonali Dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha* ***jipprekludu d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess u/jew ġeneru;***

vii. *Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li tipproteġi* ***d-drittijiet ta' bintu minuri Natalia Sarafi;***

viii. *Artikolu 24 tal-Patt Internazzjonali Dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi li jiggarantixxi* ***l-miżuri ta' protezzjoni li għandhom ikunu mgawdija minn bintu minuri Natalia Sarafi****; u*

ix. *Artikoli 2, 3, 5, 6 subinċiż (2), 8 subinċiż (1), 9 subinċiż (1), 9 subinċiż (2), 12 subinċiż (1), 12 subinċiż (2), 16 u 18 li jissalvagwardjaw id-drittijiet ta' bintu minuri Natalia Sarafi ai termini tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal;*

*L-esponenti issa sejjer jispjega kif, 'il għaliex, u sa liem punt ġew vjolati u/jew miksura l-proviżjonijiet fuq imsemmija.*

*Fir-rigward ta' B(i) li jikkonċerna l-obbligazzjonijiet tal-Istat:*

*L-esponenti jenfasizza mill-bidu illi l-kittieba legali jirreferu għall-aċċess għall-informazzjoni u għall-ħtieġa li tiġi pprovduta l-informazzjoni bħala drittijiet li jikkostitwixxu 'obbligazzjoni pożittiva taħt l-Artikolu 8.'*[1] *Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem: 'recalls that although the object of Article 8 (art. 8) is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities, it does not merely compel the State to abstain from such interference: in addition to this primarily negative undertaking, there may be positive obligations inherent in an effective respect for private or family life (see the Airey judgment of 9 October 1979, Series A no. 32, p. 17, para. 32). These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves'.*[2] *Il-Qorti Ewropea ddeterminat*

[1] Richard Clayton and Hugh Tomlinson, The Law of Human Rights, 2009, Oxford University Press, paġna 1093.
[2] X and Y v The Netherlands, European Court of Human Rights, Chamber, 26 March 1985, paragrafu 23. Is-sottolinjar sar mill-esponenti għal skopijiet ta' enfasi.

*diversi każijiet fejn l-esponenti stabilixxew dritt li jiġu pprovduti bl-informazzjoni li tinsab għand awtoritajiet pubbliċi.*[3]

*Din il-parti tar-rikors se tiġi maqsuma f'żewġ partijiet sussidjarji, li huma:*

*1. Il-fatt illi l-Istat ma pprovdiex aċċess għal qorti f'ċirkostanzi identifikabbli; u*

*2. Il-fatt illi l-Istat naqas milli jappunta avukat tat-tfal.*

*L-ewwel waħda tikkonċerna lill-esponenti; tal-aħħar tikkonċerna lil bintu minuri.*

*Fir-rigward ta' B(i)(1): il-fatt illi l-Istat ma pprovdiex aċċess għal qorti f'ċirkostanzi identifikabbli:*

*B'mod speċjali fir-rigward tal-applikant, biex ma ssirx repetizzjoni żejda, l-esponenti jirreferi għall-ilment taħt is-sezzjoni B(iii)(1). Hawnhekk, huwa biżżejjed illi wieħed isemmi illi r-rikorrenti kien u għadu, de facto, żvestit mid-drittijiet paternali tiegħu. Dan għaliex huwa kellu jegħleb diversi ostakli mfassla mill-intimata Anna Zioura meta huwa pprova jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' viżitazzjoni ai termini tad-digriet relevanti. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' rieda tal-intimata Anna Zioura biex tħares id-digriet relevanti jikkostitwixxi wkoll id-disprezz tal-Qorti. Minkejja dan, l-intimata Anna Zioura tħalliet taġixxi b'impunità, anke minħabba li n-nuqqas da parti tal-Qorti illi tappunta avukat tat-tfal*[4] *ma jippermettix l-iskrutinju neċessarju tal-kondotta tal-intimati.*

*Fir-rigward ta' B(i)(2): il-fatt illi l-Istat naqas milli jappunta avukat tat-tfal:*

*B'mod speċjali fir-rigward tal-bint minuri tar-rikorrenti, huwa talab lill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), f'Novembru 2019, permezz ta' rikors fl-atti tar-rikors ġuramentat nru. 245/19AL, biex 'tappunta avukat tat-tfal sabiex jintervista lill-minuri Natalia Sarafi u jirrapporta lil din Onorabbli Qorti x-xewqa tal-istess minuri.'* [5] *Dan ġie mitlub ukoll lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) meta kienet diversament preseduta, fi proċeduri bin-numru 244/19JPG. In-nuqqas tal-Qorti ġie aggravat bil-mod kif l-istess deliberatament naqset milli tħalli lil Natalia Sarafi tixhed u turi x-xewqat tagħha, f'sitwazzjoni fejn, kif se jidher fis-sezzjoni B(iv), hemm obbligazzjoni bil-liġi li l-minuri tiġi mismugħha. Ir-rappreżentazzjoni tat-tfal hija mod indirett kif it-tfal jipparteċipaw fil-proċeduri, li huwa fundamentalment importanti speċjalment meta l-iskoperti tas-social worker appuntat mill-Onorabbli Qorti jkunu ġew moħbija mill-esponenti u bintu minuri. Għalhekk, jeżisti, 'a need for child representation to be available as an option to children in family law proceedings'* [6] *multo magis meta l-minuri j/tkun żvestit/a minn mezzi oħra ta' parteċipazzjoni indiretta, billi pereżempju meta ma jitħalliex isir assessjat tar-rapport tas-social worker. Dan għaliex, 'a*

[3] Alastair Mowbray, The Development of Positive Obligations under the European Convention on Human Rights by the European Court of Human Rights, Human Rights Law in Perspective: Volume 2, Hart Publishing, 2004, paġna 142.
[4] Ara s-sub-sezzjoni li jmiss.
[5] Ara paragrafu 7 ta' dan ir-rikors.
[6] Aisling Parkes, Children and International Human Rights Law: The Right of the Child to be Heard, Routledge Research in Human Rights Law, 2013, paġna 198.

*prevalent means through which the views of the child are presented indirectly to the judge is via a court report or a social work report.'*[7]

*Fil-konfront ta' B(ii) li jikkonċerna meta wieħed jiġi soġġett għal trattament jew kastig inuman:*

*Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) 'considers that it is safe to presume that he will continue with his coaching responsibilities, at least until the termination of this contract'.*[8] *Id-digriet tal-Qorti fil-biċċa l-kbira u pjuttost b'mod esklussiv, jistrieħ fuq żewġ konklużjonijiet żbaljati:*

1. *Preżunzjoni; u*
2. *Preokkupazzjonijiet dwar allegazzjonijiet.*

*Fil-fatt, il-Qorti tirreferi b'mod espliċitu għaż-żewġ punti premessi f'paġna 19 tad-digriet tagħha, ossia l-paġna li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. Fir-rigward tal-preżunzjoni, il-Qorti injorat ix-xhieda importanti ta' Giuseppe Cristaldi, illi xehed li hu għadu mhuwiex ċert jekk l-esponenti hux se jkun qiegħed jagħmel coaching fl-istaġun li jmiss, 'because he has told hom that his priority is his child.'*[9] *Dan huwa ssostanzjat b'żewġ dokumenti separati maħruġa mill-Malta Football Association u l-Imsida St Joseph Football Club rispettivament, illi t-tnejn jidher li ġew imwarba fil-ġenb mill-Qorti.*

*Fir-rigward tal-allegazzjonijiet magħmula mill-bint 'l oħra ta' Anna Zioura, Elli Manoudaki, apparti li jikkonċernaw ċirkostanzi kompletament estranji għall-proċeduri,*[10] *il-Qorti b'mod inekwivoku għamlet il-konklużjoni tagħha illi 'in the light of this'*[11]*, mingħajr ma nnutat illi kien l-esponenti nnifsu li ħa l-inizjattiva u volontarjament u b'mod onest irikonoxxa, illi sabiex jesegwi d-dmirijiet tiegħu ta' lura lejn bintu ta' disa' snin li kienet qed tilmeta b'uġigħ fil-partijiet ġenitali tagħha, huwa applika l-cream li kien hemm bżonn li jiġi applikat. Il-Qorti, minflok faħħritu tal-onestà tiegħu, ikkastigatu. Il-Qorti wkoll naqset milli tikkonsidra illi allegatament, Elli Manoudaki l-ewwel qajmet dan l-ilment fil-konfront ta' ommha, l-intimata, fl-2016. Kien biss sentejn wara illi l-intimata konvenjentement iddeċidiet illi temmen il-fabrikazzjoni ta' bintha, sempliċiment biex tkun ikkreat ħrafa fil-konfront tar-rikorrenti. Huwa ċar, għalhekk, illi l-istorja tal-intimata u bintha hija fabrikazzjoni assoluta! Tali konklużjoni tikkostitwixxi trattament u kastig inuman, għal finijiet u l-iskopijiet kollha tal-liġi. Wieħed għalhekk jistaqsi kif suppost pedoflu jitħalla jagħmel coaching tal-football lill-minuri f'pajjiżna u li jitħalla jagħmel parti mit-istaff tekniku tat-Tim Nazzjonali tal-Futbol Grieg fl-Olimpjadi Speċjali (irġiel u nisa) u jassisti tfal bl-awtiżmu u diżabilitajiet mentali oħrajn, u 'il għala l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet li ma tinnotifikax lill-Kummissarju tal-Pulizija b'kopja tad-digriet tagħha sabiex tinbeda investigazzjoni.*

[7] Ibid.
[8] Ara paġna 19 tad-digriet tal-Qorti datat 24 ta' Settembru 2019.
[9] Ara paġna 18 tad-digriet tal-Qorti datat 24 ta' Settembru 2019.
[10] Dawn ma kinux proċeduri kriminali għall-korruzzjoni tal-minuri. Fi kwalunkwe każ, Elli Manoudaki, li għandha età kompatibbli ma' 'minuri li jaġixxu bil-ħażen', mhijiex bint l-esponenti. Konsegwentement, ix-xhieda tagħha hija msejsa fuq bażi dubjuża in kwantu li l-alleanza li għandha fil-konfront ta' ommha hija naturali u korollarju inevitabbli illi tagħhom il-Qorti kellha, tal-inqas, tkun konsapevoli tiegħu.
[11] Ara paġna 20 tad-digriet tal-Qorti li jimxi ma' tlett punti magħmula mill-Qorti li jesprimu tħassib dwar l-allegazzjonijiet magħmula minn Elli Mandouraki.

*Hawnhekk l-esponenti jenfasizza illi 'inhuman treatment need not be intended to cause suffering and that there is no need for suffering to be inflicted for a purpose,*[12] *and that 'the Court often does not distinguish between inhuman treatment and punishment, commonly ruling on both together, or on just a breach of Article 3 generally.'*[13]

*Fil-konfront ta' B(iii) li jikkonċerna d-dritt ta' smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali fi żmien raġonevoli, li jinkludi d-dritt għal proċeduri avversjali:*

*Din is-sezzjoni se tkun maqsuma fi tlett partijiet sussidjarji li huma relati u minsuġa flimkien, ossia:*

1. *Il-fatt illi r-rapport/i ma ġiex żvelat;*
2. *In-nuqqas ta' imparzjalità; u*
3. *Il-fatt li ma kienx hemm smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.*

*Fil-konfront ta' B(iii)(1): Il-fatt illi r-rapport/i ma ġiex żvelat:*

*L-esponenti talab diversi drabi sabiex jiġu żvelati r-rapport/i kompilat/i mis-social worker tal-Aġenzija Appoġġ li kien ġie appuntat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) u li ssottometta r-rapport tiegħu fis-7 ta' Jannar 2020 – 'Dok. VS6'. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) qiegħda żżomm milli tiżvela rapport importanti ta' social worker tal-Aġenzija Appoġġ li kien appuntat mill-Qorti stess permezz ta' digriet datat 24 ta' Settembru 2019. Din il-kondotta tikser il-dritt ta' opportunitajiet ugwali bejn il-partijiet (equality of arms), audi alteram partem, u diversi drittijiet oħra tar-rikorrenti, inkluż id-dritt li jkollu żmien adegwat u l-faċilitajiet sabiex jipprepara d-difiża tiegħu, u d-dritt li jissottometti l-evidenza biex jissostanzja t-tali difiża u l-ilmenti tiegħu.*

*B'mod inekwivoku għall-aħħar, il-Qorti ta' Strasburgu ddeterminat b'awtorità illi:*

*'It is essential that a parent be placed in a position where he or she may obtain access to information which is relied on by the authorities in taking measures of protective care or in taking decisions relevant to the care and custody of a child. Otherwise, the parent will be unable to participate effectively in the decision-making process or put forward in a fair or adequate manner those matters militating in favour of his or her ability to provide the child with proper care and protection (see McMichael v. the United Kingdom, judgment of 24 February 1995, Series A no. 307-B, p. 57, § 92, and T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC], no. 28945/95, § 73, ECHR 2001-V).'*[14]

[12] Denizci and Others v Cyprus, European Court of Human Rights, Fourth Section, Application Numbers 25316-25321/94 and 27207/95, 23 May 2001, para. 384, cited by D.J. Harris, M. O'Boyle, E.P. Bates and C.M. Buckley, Harris, O'Boyle and Warbrick Law of the European Convention on Human Rights, 2018, Oxford University Press, page 243.
[13] Keenan v UK, European Court of Human Rights, Third Section, Application Number 27229/95, cited by D.J. Harris, M. O'Boyle, E.P. Bates and C.M. Buckley, Harris, O'Boyle and Warbrick Law of the European Convention on Human Rights, 2018, Oxford University Press, paġna 258.

[14] Venema v The Netherlands, European Court of Human Rights, Application Number 35731/97, 17 Diċembru 2002, para. 92.

*F'każ ieħor b'fatti simili tal-proċeduri kostituzzjonali odjerni, il-Qorti ta' Strasburgu sabet illi:*

*'Nevertheless, notwithstanding the special characteristics of the adjudication to be made, as a matter of general principle the right to a fair - adversarial - trial "means the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed or evidence adduced by the other party" (see the Ruiz-Mateos v. Spain judgment of 23 June 1993, Series A no. 262, p. 25, para. 63). In the context of the present case, the lack of disclosure of such vital documents as social reports is capable of affecting the ability of participating parents not only to influence the outcome of the children's hearing in question but also to assess their prospects of making an appeal to the Sheriff Court.'*[15]

*Fir-rigward tan-nuqqas ta' żvelar tar-rapport konċernat, huwa utli li jingħad:*

*'The Court recalls that under the principle of equality of arms, as a feature of the wider concept of a fair trial (see, among other authorities, the Borgers v. Belgium judgment of 30 October 1999, Series A no. 214-B, § 24), each party must be afforded a reasonable opportunity to present one's case in conditions that do not place him at a disadvantage vis-à-vis to his opponent (see the Bulut v. Austria judgment of 22 February 1996, Reports 1996-II, § 47).*

*In the instant case, the prosecutor had expressed his opinion on the relevance of the report to the Court of Appeal, thereby intending to influence the court's judgment. The Court considers that procedural fairness required that the applicant too should have been given an opportunity to assess the relevance and weight of the supplementary police report and to formulate any such comment as she deemed appropriate. It is also noted that the applicant had requested a supplementary investigation and that throughout the proceedings she had considered it to be important. In the light of these considerations, the Court finds that the procedure did not enable the applicant to participate properly and in conformity with the principle of equality of arms in the proceedings before the Court of Appeal. Accordingly, there has been a violation of Article 6 of the Convention.'*[16]

*Fil-konfront ta' B(iii)(2): Nuqqas ta' Imparzjalità:*

*Għandu jingħad mill-bidu illi, inter alia, huwa l-fatt illi rapport/i ma ġiex żvelat illi, b'mod oġġettiv, juri li n-nuqqas ta' imparzjalità. In-nuqqas ta' żvelar huwa sintomu kemm ta' nuqqas ta' imparzjalità kif ukoll effett kollaterali. Similarjament, l-insistenza tal-Qorti li tkompli tisma' l-każ minflok tastjeni jikristallizza l-preġudizzju tagħha.*

*Wara li l-Qorti stipulat illi 'although respondent has tried to paint a picture of an absent mother with regards to applicant because she works,'* [17] *id-*

[15] McMichael v UK, European Court of Human Rights, Chamber, Application 16424/90, 24 February 1995, paragrafu 80.
[16] Kuopila v Finland, European Court of Human Rights, Fourth Section, Application Number 27752/95, 27 April 2000, paragrafi 37 u 38.

[17] Ara paġna 18 tad-digriet datat 24 ta' Settembru 2019.

*digriet tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 24 ta' Settembru 2019 stipola illi, ''the Court considers that any comment on such insinuations would be superfluous'*[18] *meta dan huwa l-fulkru tal-proċeduri. Wieħed ma jistax ma jinnotax id-diskrepanzi fil-kondotta tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) matul il-proċeduri 44/2019/3 JPG. Minn naħa minnhom, wara li ħalliet issir ix-xhieda ta' Elli Manoudaki, il-Qorti serħet fuq u ħassitha 'concerned about allegations made by Applicant's older daughter Elli against Respondent'*[19] *Din il-kondotta tikkuntrasta ferm mal-mod kif il-Qorti deliberatament ipproteġiet lil Elli Manoudaki meta kienet mistoqsija u ppressata fuq l-użu tad-drogi. Wara li Manoudaki ġiet mistoqsija dwar dan waqt il-kontro-eżami, il-Qorti interferiet, waqqfet lix-xhud, u ordnatilha biex ma tweġibx sabiex tissalvagwardja l-privileġġ kontra l-awto-inkriminazzjoni, meta din ma kinitx se tapplika billi l-użu sar ġewwa l-Greċja. Malta qatt ma seta' jkollha ġurisdizzjoni dwar dan l-użu tad-drogi, anke jekk dan kien illeċitu għall-aħħar. Il-Qorti injorat dawn il-punti mqajma mis-sottoskritt seduta stante u insistiet illi x-xhud ma tweġibx, bil-għan li żżomm il-kredibilità tagħha, jew x'baqa' minnha.*

*L-imparzjalità 'requires a decision-maker to be open-minded and unprejudiced when determining disputes.'*[20] *Di piu, il-proċeduri utilizzati mill-qrati fil-konsiderazzjoni ta' allegat preġudizzju għandhom minnhom infushom ikunu ħielsa mill-preġudizzju. Fi kliem ieħor, 'judges accused of bias should not be asked to review the merits of the application.'* [21]

*Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem saħqet b'awtorità illi:*

*'As to the procedure by which the five challenged judges of the Constitutional Court dismissed the complaints alleging bias against each of them, the Court notes, however, that – just as in application no. 38191/12 – the Constitutional Court decided on the sufficiently substantiated complaints alleging bias against each judge in a formation composed of the four remaining judges, who had equally been challenged for bias by the applicant. That procedure raised an issue in respect of the judges' impartiality particularly in so far as they all decided upon applications brought against them on identical grounds and thus appear, in substance, to have rejected the complaints concerning themselves (see A.K. v. Liechtenstein, cited above, §§ 79-83)'.*[22]

*Il-Qorti Ewropea, 'has recognised the difficulty of establishing a breach of Article 6 on account of subjective partiality and for this reason has in the vast majority of cases raising impartiality issues focused on the objective test.'*[23]

*Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeterminat illi:*

*'In this context, importance is to be attached to, inter alia, the appearance of the fair administration of justice. Here, as in other aspects of Article 6, the*

[18] Ara paġni 18-19 tal-istess.
[19] Ara paġna 19 tal-istess.
[20] European Union Agency for Fundamental Rights and the Council of Europe, Handbook on European Law Relating to Access to Justice, 2016, Publication Office of the European Union, Luxembourg, paġna 37.
[21] European Union Agency for Fundamental Rights and the Council of Europe, Handbook on European Law Relating to Access to Justice, 2016, Publication Office of the European Union, Luxembourg, paġna 39.
[22] A.K. v Liechentenstein (No. 2), Application Number 10722/13, 18 ta' Frar 2016, paragrafu 66.
[23] Olujic v Croatia, European Court of Human Rights, First Section, Application Number 22330/05, 5 ta' Frar 2009, paragrafu 58.

*seriousness of what is at stake for the applicant will be of relevance to assessing the adequacy and fairness of the procedures (see P., C. and S. v. the United Kingdom, no. 56547/00, § 91, 16 July 2002). 56. Finally, from the Convention standpoint, a hearing may be held "unfair" and in breach of Article 6 even in the absence of proof of actual prejudice (see Artico v. Italy, judgment of 13 May 1980, Series A no. 37, § 35).'*[24]

*Reġgħet enfasizzat illi:*

*'Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance…*

*Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see, mutatis mutandis, the De Cubber judgment previously cited, Series A no. 86, p. 14, para. 26). This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive (see the Piersack judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 16, para. 31)…*

*What is decisive is whether this fear can be held objectively justified. In the instant case the fear of lack of impartiality was based on the fact that the City Court judge who presided over the trial and the High Court judges who eventually took part in deciding the case on appeal had already had to deal with the case at an earlier stage of the proceedings and had given various decisions with regard to the applicant at the pre-trial stage (see paragraphs 20-22 and 26 above). This kind of situation may occasion misgivings on the part of the accused as to the impartiality of the judge, misgivings which are understandable, but which nevertheless cannot necessarily be treated as objectively justified. Whether they should be so treated depends on the circumstances of each particular case.'*[25]

*Il-Qorti Ewropea sostniet:*

*'The Court considers, as the Commission did, that the fact that the President of the court publicly used expressions which implied that he had already formed an unfavourable view of the applicant's case before presiding over the court that had to decide it clearly appears incompatible with the impartiality required of any court, as laid down in Article 6 § 1 of BUSCEMI v. ITALY JUDGMENT 10 the Convention. The statements made by the President of the court were such as to objectively justify the applicant's fears as to his impartiality (see, mutatis mutandis, the Ferrantelli and Santangelo v. Italy judgment of 7 August 1996, Reports 1996-III, p. 952, §§ 59 and 60).*

[24] A.B. v Slovakia, European Court of Human Rights, Fourth Section, Application Number 41784/98, 4 ta' Marzu 2003, paragrafu 55.
[25] Hauschildt v Denmark, European Court of Human Rights, Application 10486/83, 24 ta' Mejju 1989, paragrafu 48.

*There has accordingly been a breach of Article 6 § 1 of the Convention.'*[26]

*Is-sistema tal-ġustizzja Maltija diġà tpoġġiet taħt il-lenti fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jinvolvu lit-tfal:*

*'The Court reiterates that in order for the right of access to court to be effective, an individual must have a clear and practical opportunity to challenge an act interfering with his civil rights (see De Jorio v. Italy, no. 73936/01, § 45, 3 June 2004, and Bellet v. France, 4 December 1995, Series A no. 333-B, § 36). 54. The Court notes that the applicants' complaint does not relate to the procedural safeguards in the procedure leading to the final care order, in relation to which the Government have made submissions. Neither does it concern the possibility of contesting any further decisions of the Minister. The Court observes that the applicants are solely complaining about the lack of access to an independent and impartial tribunal established by law following the issuance of the care order and its confirmation by the Juvenile Court, in that no procedure to that end was established in the law. It follows that the case does not concern a restriction on their right of access which would be subject to a proportionality test, but solely whether such access existed.*

*The Court notes that the Civil Court in its constitutional jurisdiction had found that there was no remedy granting access to a court for the first applicant or anyone in her position wanting to have the merits of a care order re-examined (see paragraph 18 above). Similarly, the Constitutional Court alluded to the same conclusion, although it did not make a finding on that issue (see paragraph 22 above). The Government have not submitted that a judicial remedy existed to challenge a care order during the time it was in force, namely until the minors reached eighteen years of age. Indeed, the Government argued that the courts would not be the right venue for such an assessment. The Court considers that such an argument runs counter to the entire basis of Article 6, which provides for access to an impartial and independent tribunal for the determination of civil rights and obligations. It is precisely a tribunal's role to supervise administrative action in any field and guarantee freedom from arbitrariness. Moreover, any assessment made by the courts would evidently take into consideration the input given by the relevant actors, such as the social workers in the present case. It follows that the Government's argument is no excuse for the fact that the Maltese system provided no access to a tribunal which could evaluate the applicants' situation.*

*Moreover, the Court cannot accept that a review by the social workers who reported to the Minister, who could in turn revoke a care order, would constitute an "impartial and independent tribunal". Furthermore, the legal framework providing for this process did not afford the possibility for the applicants to make such an application, nor has it been shown that any decision in this field would be written and made public in order to provide for the possibility of a judicial review.*

---

[26] Buscemi v Italy, European Court of Human Rights, Second Section, Application Number 29569/95, 16 ta' Settembru 1999, paragrafi 68 u 69.

*The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that the three applicants did not have access to a court to challenge the care order affecting their family situation. There has accordingly been a violation of Article 6 § 1 of the Convention.'*[27]

*Filwaqt li l-kredenzjalitajiet, abilitatijiet tekniċi u l-kompetenza tal-Imħallef esperjenzata mhumiex qegħdin jiġu ddubitati, huwa ovvju li t-test oġġettiv qatt ma jista' jiġi sodisfatt jekk il-każ kellu jkompli jinstema' minn Imħallef illi:*

*(1) diġà pprokalamat digriet, fuq bażi ta' preżunzjoni, meta tali interferenza qatt ma kellha ssir;*
*(2) dderiġiet il-proċeduri b'mod u manjiera illi prattikament ħadu post il-proċeduri paralellari istitwiti mir-rikorrenti; u*
*(3) naqset milli tastjeni wara li ġiet mitluba, liema astensjoni kienet it-tmexxija xierqa.*

*Jekk il-Liġi Maltija tħalli l-proċeduri paralellari għaddejjin, kwalunkwe u kull Imħallef li jkun qiegħed jippresjedi fuq it-tali proċeduri m'għandux iqis lilu nnifsu sottomess għal Imħallef ieħor, speċjalment jekk ikun qiegħed jippresjedi fl-istess Qorti. Wieħed jifhem li dan ikun f'loku meta min-naħa waħda jkun hemm Qorti inferjuri, u min-naħa l-oħra Qorti superjuri. Iżda hawnhekk il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) huwa proprju l-istess Qorti. L-unika differenza hija illi l-Imħallef li qiegħed jippresjedi huwa differenti. Jekk, però, l-Imħallef li qiegħed jippresjedi fuq il-kawża istitwita wara l-ewwel waħda jissottometti s-sentenza tiegħu jew tagħha wara l-Imħallef l-ieħor jew l-oħra, it-tali proċeduri jkunu de facto saru għalxejn. Minkejja dan, dawn il-proċeduri għadhomx ma ġewx iddikjarati abbandunati (dormant), u lanqas ma ġew restitwiti l-ispejjeż legali lura lill-esponenti.*

*Fir-rigward ta' B(iii)(3): Ma kienx hemm Smigħ Xieraq fi Żmien Raġonevoli:*

*Din is-sezzjoni titratta dwar il-vjolazzjoni li hija ta' natura kontinwa. Dewmien grossolan ai termini tal-Artikolu 6 (il-proviżjoni tas-smigħ xieraq), instab li jikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tal-Artikolu 8,*[28] *avolja 'the procedural requirements inherent in Article 8 are not identical to the guarantees down in Article 6.'*[29] *Permezz ta' psewdo-digriet datat 29 ta' Mejju 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ma pprovdietx smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. L-ewwel nett, il-psewdo-digriet jirreferi għal applikazzjoni ineżistenti istitwita nhar is-6 ta' Mejju 2019, u għalhekk, hija qatt ma tista' tiddikjara jew tiddeċieda fuq xi ħaġa li ma teżistix. Kif jgħid il-massimu Latin, 'quod non est in actis non est in mundo'. It-tieni nett, l-unika sentenza oħra f'dan il-psewdo-digriet tgħid, 'abstains from deciding these pleas until it is finally established who is to hear the two court cases in question'. L-esponenti jissottometti illi dan jissarraf f'rinunċja tad-drittijiet, irwoli, funzjonijiet, vires, setgħat u fuq kollox l-obbligi stabbiliti bil-liġi. Permezz tal-psewdo-digriet, il-Qorti warrbet ir-rikors tal-esponenti datat 6 ta' Mejju 2020 u*

[27] M.D. v Malta, European Court of Human Rights, Fourth Section, Application 64791/10, 17 July 2012, paragrafi 53-58.
[28] Mikulic v Croatia, European Court of Human Rights, First Section, Application Number 53176/99, 7 ta' Frar 2002, paragrafi 65 & 66.
[29] Pieter van Dijk, Fried van Hoof, Arjen van Rijn and Leo Zwaak (eds.), Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, Fourth Edition, Intersentia, 2006, paġna 700.

*ttratiniet il-konsiderazzjoni tal-istess rikors kważi ad infinitum, u b'hekk vjolat id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien adegwat.*

*Filfatt, sal-lum, l-ebda awtorità għadha ma 'finally established who is to hear the two court cases in question'. Dan huwa dak li, issa, l-esponenti jistenna u jitlob minn din l-Onorabbli Qorti li tgawdi ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Applikazzjonijiet urġenti dwar il-kura u l-kustodja tat-tfal, ir-residenza primarja tagħhom u d-drittijiet ta' viżitazzjoni, jimmeritaw skrutinju u attenzjoni għal numru ta' ġranet, possibilent anke ġimgħat, imma mhux xhur. Hawnhekk l-esponenti jfakkar il-kriterji utilizzati mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem meta tqis ir-raġonevolezza u ż-żmien, li huma: 'the complexity of the case, the conduct of the applicant and the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute' (ara, fost oħrajn, Frydlender v. France [GC], no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).'*[30]

*Dan il-każ mhuwiex kumpless. L-esponenti attenda s-seduti kollha. Hija l-kondotta tal-awtoritajiet ġudizzjarji li ġabet is-sitwazzjoni fiex qiegħda llum. Huwa b'dispjaċir illi jingħad illi dak li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet obbigata li tiddeċiedi, hija ma ddeterminatux, u dak li ma kellhiex tiddeċiedi, iddeterminatu. Hija litteralment fixklet l-amminstrazzjoni tal-ġustizzja, għad-detriment tar-rikorrent u/jew bintu minuri.*

*Fir-rigward ta' B(iv) li jikkonċerna d-dritt*
*In relation to B(iv) concerning the dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja familjari:*

*Wieħed hawnhekk għandu jsemmi l-fatt illi 'the provisions of Article 8 do not relate to the rights of the family unit as a whole but rather to the individual members of the family unit,'* [31] *speċjalment meta l-aħjar interessi tal-tfal minuri huma fil-periklu. Filfatt, 'there is a growing body of international law which now regards all family members as rights holders and acknowledges that children as well as adult family members possess enforceable rights against the State.'*[32] *F'dan l-ambitu, 'Article 8 requires that the natural parents must be properly involved in the decision-making process and that full account is taken on their views and wishes'.*[33] *Huwa ċar illi hemm interferenza sproporzjonata mad-dritt funtamentali tar-rikorrent għar-rispett tal-ħajja familjari partikolarment għax l-intrużjoni tiġi wara jew psewdo-digriet jew inkella żewġ digrieti illi ma ġewx maħruġa skont il-liġi u/jew li huma jew bbażati fuq interferenza minn preżunzjoni meta t-tali preżunzjoni hija infondata u/jew li juru motivazzjoni deliberata li l-proċeduri jiġu kkontrollati. Hemm ukoll ksur grossolan tad-drittijiet tal-minuri Natalia Sarafi in kwantu hija nżammet 'il bogħod mill-proċeduri li huma essenzalment imfassla biex jipproteġu l-interessi tagħha. Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem sabet illi:*

[30] Zarb v Malta, European Court of Human Rights, Fourth Section, Application Number 16631/04, 4 ta' Lulju 2006, paragrafu 34.
[31] Claire Breen, The Standard of the Best Interest of the Child: A Western Tradition in International and Comparative Law, International Studies in Human Rights, Volume 72 Martinus Nijhoff, 2002, paġna 246.
[32] Gerladine van Bueren, The International Law on the Rights of the Child, International Studies in Human Rights: Volume 35, Martinus Nijhoff, 1995, paġna 106.
[33] Lord Lester of Herne Hill, Lord Pannick and Javan Herberg (general eds.), Human Rights Law and Practice: Third Edition, LexisNexis, 2009, paġna 406.

*'In the Court's opinion, the German courts' failure to hear the child reveals an insufficient involvement of the applicant in the access proceedings. It is essential that the competent courts give careful consideration to what is in the best interests of the child after having had direct contact with the child. The Regional Court should not have been satisfied with the expert's vague statements about the risks inherent in questioning the child without even contemplating the possibility of making special arrangements in view of the child's young age.*

*In this context, the Court attaches importance to the fact that the expert indicated that she herself had not asked the child about her father. Correct and complete information on the child's relationship to the applicant as the parent seeking access to the child is an indispensable prerequisite for establishing a child's true wishes and thereby striking a fair balance between the interests at stake.'*[34]

*Dan kollu huwa aggravat bil-fatt illi ma ġiex żvelat ir-rapport tas-social worker minkejja illi '... individuals can legitimately claim that in order to respect their private a family lives the State must facilitate such access.'*[35]

*Fid-dawl tal-protezzjoni ta' dan id-dritt importanti, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem saħqet is-segwenti:*

*'The Court further recalls that whilst Article 8 contains no explicit procedural requirements, the decision-making process involved in measures interference must be fair and such as to afford due respect to the interests safeguarded by Article 8:*

*"[W]hat has to be determined is whether, having regard to the particular circumstances of the case and notably the serious nature of the decisions to be taken, the parents have been involved in the decision-making process, seen as a whole, to a degree sufficient to provide them with the requisite protection of their interests. If they have not, there will have been a failure to respect their family life and the interference resulting from the decision will not be capable of being regarded as 'necessary' within the meaning of Article 8." (see the W. v. the United Kingdom judgment of 8 July 1987, Series A no. 121-A, pp. 28-29, §§ 62 and 64).*

*It has previously found that the failure to disclose relevant documents to parents during the procedures instituted by the authorities in placing and maintaining a child in care meant that the decision-making process determining the custody and access arrangements did not afford the requisite protection of the parents' interests as safeguarded by Article 8 (see the McMichael v. the United Kingdom judgment of 24 February 1995, Series A no. 307-B, p. 57, § 92).'*[36]

*Fir-rigward ta' B(v) li jikkonċerna d-dritt għal rimedju nazzjonali effettiv:*

---

[34] Sahin v Germany, European Court of Human Rights, Application Number 30943/96, 8 ta' Lulju 2003, paragrafu 69.
[35] Alastair Mowbray, Cases and Materials on the European Convention on Human Rights, Second Edition, Oxford University Press, paġna 574.
[36] T.P. and K.M. v UK, Application Number 28945/95, 10 ta' Mejju 2001, paragrafi 72 u 73.

*Kif se jiġi muri f'din is-sezzjoni, dan l-ilment huwa intrinsikament konness mal-ilment taħt is-sezzjonijiet B(i) u B(iii). Id-digrieti imsemmija ma jistgħux jiġu annullati permezz ta' reviżjoni ġudizzjarja ta' azzjoni amministrattiva ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta imma tista' biss rimedjatata minn Qorti, bħal din l-Onorabbli Qorti, li tgawdi ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Lanqas ma jista' r-rikorrenti jappellah 'il għaliex l-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermittix appell minn tali digriet. L-esponenti ma jistax, de lege, jirrevoka tali digrieti, sakemm l-istess Qorti li tkun ddekratat dak id-digriet ma tirrevokahx hi stess, li huwa improbabbli billi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jew naqset milli tagħti digriet mill-bidu nett, jew inkella mhijiex imparzjali u indipendenti. Lanqas ma jista' l-esponenti jibda proċeduri legali quddiem qorti ordinarja oħra bl-intenzjoni li tordna lill-Qorti tal-Familja (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tiżvela r-rapporti għaliex din it-tip ta' azzjoni legali ma teżistix fil-liġi Maltija. Dan iwassal biex ikun kważi impossibbli li dawn id-digrieti jiġu rrevokati. L-esponenti, għaldaqstant, ġie żvestit minn kwalunkwe tip ta' rimedju, minkejja l-fatt u l-mod kif il-liġi Maltija tħaddan il-massimu importanti Latin ubi ius ibi rimedium. In-nuqqas ta' rimedju huwa tant iżjed serju meta wieħed iqis mhux biss illi d-drittijiet u d-dmirijiet ċivili tar-rikorrenti huma fil-periklu, iżda wkoll li d-drittijiet ta' bintu minuri qegħdin persistentement jiġu miksura.*

*Anke jekk din l-Onorabbli Qorti kellha ma taqbilx mat-teżi tar-rikorrenti illi huwa m'għandux rimedju, din l-Onorabbli Qorti għandha tapprezza illi l-liġi m'għandhiex biss tipprovdi rimedju, iżda rimedju effettiv. Rimedju effettiv għandu:*

*1. 'be accessible;*

*2. be capable of providing redress in respect of the applicant's complaints; and*

*3. offer reasonable prospects of success.'*[37]

*Għalhekk, 'the existence of the remedies in question must be sufficiently certain not only in theory but in practice, failing which they will lack the requisite accessibility and effectiveness (see Akdivar and Others, cited above, § 66).'*[38] *Moreover, '<u>to be effective, a remedy must be capable of remedying directly the impugned state of affairs and must offer reasonable prospects of success</u> (ara Balogh v. Hungary, nru. 47940/99, § 30, 20 July 2004, u Sejdovic v. Italy [GC], no. 565 (see Balogh v. Hungary, no. 47940/99, § 30, 20 July 2004, and Sejdovic v. Italy [GC], no. 56581/00, § 46, ECHR 2006-II).'*[39]

*Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem sostniet illi:*

[37] Vuckovic and Others v Serbia, European Court of Human Rights, Grand Chamber, Application Number 17153/11 and 29 others, 25 ta' Marzu 2014, paragrafi 71 u 74.
[38] Vuckovic and Others v Serbia, European Court of Human Rights, Grand Chamber, Application Number 17153/11 and 29 others, 25 March 2014, paragraph 71.

[39] Ibid. paragrafu 74.

*'The Court reiterates that Article 6 § 1 of the Convention guarantees a right to a public hearing by an independent and impartial tribunal established by law. According to the Court's case-law, a "tribunal" is characterised in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining matters within its competence applying the law and after proceedings conducted in a prescribed manner.'*[40]

*Id-dritt għal rimedju nazzjonali effettiv tar-rikorrenti wkoll ġie miksur billi l-qorti kompetenti qiegħda volontarjament tirrinunzja li teżerċita l-funzjoni ġudizzjarja tagħha u/jew tabdika milli teżerċita l-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha. Filfatt, l-aċċess għall-ġustizzja ġie miċħud. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill tal-Ewropea ddikjaraw illi 'under EU law it is also important for individuals to be able to enforce their rights under national courts.'*[41]

*Huwa evidenti li l-qafas ġuridiku nazzjonali, meta applikat, enforzat, u eżegwit permezz ta' tlett digrieti, jirrendi lill-esponenti u lil bintu minuri individwi nieqsa minn kwalunkwe rimedju, u wisq inqas minn rimedju effettiv. Il-miżapplikazzjoni u/jew użu ħażin tal-liġi kkawżata minn dawn it-tlett digrieti iwasslu f'sitwazzjoni li hija msejħa 'abuse of process' fil-Liġi Komuni.*

*Fir-rigward tal-B(vi) li jikkonċerna l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni:*

*L-esponenti hawnhekk jilmenta b'diskiminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru. Biex ma ssirx repetizzjoni, l-ilmenti ta' din is-sezzjoni huma l-istess bħal dawn imniżżla fis-sezzjoni B(iii)(2), b'mod partikolari dawk immarkati bħala (1) sa (5).*

*Fir-rigward ta' B(vii) li jikkonċerna l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bint minuri Natalia Sarafi ai termini tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea:*

*Għall-fini ta' nuqqas ta' repetizzjoni, l-ilmenti ta' din is-sezzjoni huma l-istess bħal dawk taħt is-sezzjoni B(i)(2). L-esponenti jżid biss taħt din is-sezzjoni illi 'Article 24 focuses particularly on the rights of the individual child devoid of specific context, potentially applying wherever a child's interests are affected.'*[42]

*Fir-rigward ta' B(viii) li jikkonċerna l-miżuri ta' protezzjoni li għandhom ikunu mogħtija lill-bint minuri Natalia Sarafi ai termini tal-Patt Internazzjonai dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi:*

*Biex ma ssirx repetizzjoni, l-ilmenti taħt din is-sezzjoni huma l-istess bħal dawn taħt is-sezzjoni B(i)(2). Hawnhekk l-esponenti jżid biss illi, 'it seems that Article 24 acts to "top up" the other civil rights offered to children by*

[40] Vide Julius Kloiber Schlachthof GmbH and Others v Austria, Application Numbers 21565/07, 21572/07, 21575/07 and 21580/07, 4 ta' April 2013, paragrafu 28.
[41] European Union Agency for Fundamental Rights and the Council of Europe, Handbook on European Law Relating to Access to Justice, 2016, Publication Office of the European Union, Luxembourg, paġn 19.
[42] Ruth Lamont, 'Article 24', in Steve Peers, Tamara Hervey, Jeff Kenner and Angela Ward (eds.), The EU Charter of Fundamental Rights: A Commentary, 2014, Hart Publishing, paġna 671.

*the ICCPR's other guarantees by more explicitly requiring positive measures of protection.'* [43]

*Fir-rigward ta' B(ix) li jikkonċerna l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bint minuri Natalia Sarafi ai termini tal-Konvenzjoni Dwar id-Drittijiet tat-Tfal:*

*Għall-fini ta' nuqqas ta' repetizzjoni, l-ilmenti taħt din is-sezzjoni huma l-istess bħal dawk taħt is-sezzjoni B(i)(2). L-esponenti biss jenfasizza l-parametri u l-kompetenza wiesa' tal-Konvenzjoni Dwar id-Drittijiet tat-Tfal illi 'encompasses civil and political rights, economic, social and cultural rights and humanitarian provisions in a single human rights instrument.'* [44]

*Il-vjolazzjonijiet fuq imsemmija huma magħqudin flimkien sa fejn waħda taffetwa lill-oħra. Il-ko-morbożità riżultanti għandha effett tossiku fuq l-iter proceduralis kollu.*

*Ċ. It-talba sabiex jingħataw Miżuri Provviżorji fil-Proċeduri Kostituzzjonali Odjerni.*

*Ħarsa ħafifa lejn l-atti tal-proċeduri u tal-kontenut ta' dan ir-rikors faċli twassal lil xi ħadd jikkonkludi, illi mill-inqas fuq bażi prima facie, tippersisti inġustizzja, jew, tal-inqas, illi l-prinċipju li 'l-ġustizzja mhux biss għandha ssir imma trid tidher li qed issir' qiegħed jiġi mwarrab. Billi t-tlett digrieti kkontestati kienu huma li prinċipalment ikkawżaw it-tali inġustizzja u vvelenaw l-integrità tal-proċeduri, miżura provviżorja għandha tingħata b'effett immedjat. Il-pożizzjoni predefinita għandha tkun dik li ppreċediet id-digriet datat 24 ta' Settembru 2019. Għalhekk, sakemm din l-Onorabbli Qorti tiddisponi min dan ir-rikors kostituzzjonali billi tgħaddi l-ġudizzju tagħha permezz ta' sentenza, l-arranġament tal-kustodju għandu jkun dak prevalenti nhar it-23 ta' Settembru 2019, jiġifieri r-residenza prinċipali tal-bint minuri tkun r-residenza ordinarja tar-rikorrenti, bi dritt ta' aċċess favur l-intimata Anna Zioura.*

*Fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti ma tidderminax il-premess, ikun neċessarju li jsir mandat biex jassigura l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ta' bintu minuri, u biex jipprevjeni iktar vjolazzjonijiet kontinwi jew vjolazzjonijiet ulterjuri. Il-ħsara mhux biss ġiet materjalizzata, iżda r-rikorrenti u bintu minuri qegħdin fir-riskju li jaffaċċjaw dannu serju u irreparabbli jekk din il-miżura provviżorja ma tingħatax. Hemm diversi raġunijiet li jiġġustifikaw it-tali miżura provviżorja, inter alia:*

*1. l-intimata, Anna Zioura, hija domiċiljata l-Greċja billi hija tippossjedi l-animus revertendi meħtieġ;*

*2. l-intimata, Anna Zioura, hija ċittadina Griega li hija s-sid ta' bosta assi, li jinkludu proprjetà immobbli ġewwa l-Greċja;*

[43] DeGallicchio and Vicario v Argentina, Application Number 400/90, paragraph 10.5, cited in Sarah Joseph, Jenny Schultz and Melissa Castan, The International Covenant on Civil and Political Rights: Cases, Materials and Commentary, Second Edition, 2014, paġna 626, footnote 20.

[44] Ursula Kilkelly and Laura Lundy, 'Children's Rights in Action: Using the CRC as an Auditing Tool', in A. Alen, H. Bosly, M. DeBie, J. Vande Lanotte, F. Ang, I. Delens-Ravier, M. Delplace, C. Herman, D. Reynaert, V. Staelens, R. Steel, M. Verheyde (eds.), The UN Children's Rights Convention: Theory Meets Practice, 2007, Intersentia, paġna 61.

*3. il-patrimonju tal-intimata, Anna Zioura, huwa prinċipalment ibbażat ġewwa l-Greċja;*

*4. l-intimata, Anna Zioura, hija ċittadina Griega li għandha l-familja nukleari u estiża domiċiljata ġewwa l-Greċja;*

*5. il-bint l-oħra tal-intimata, jiġifieri, Elli Manoudaki, li hi emozzjonalment l-iżjed qrib tal-intimata, ukoll hija domiċiljata ġewwa l-Greċja;*

*6. l-intimata, Anna Zioura, ma togħġobhiex Malta, fejn tħossha klawstrofobika, iżda hija bbażata hawnhekk prinċipalment għal raġunijiet ekonomiċi/finanzjarji;*

*7. l-intimata, Anna Zioura, instigat, inċitat u/jew talbet lil bintha l-oħra, Ella Manoudaki, biex tikkommetti r-reat tal-isperġur;*

*8. l-intimata, Anna Zioura, diġà kkommettiet ir-reat tar-ragion fattasi minkejja li l-esponenti ddeċieda dak iż-żmien illi ma jipproċedix kontriha kriminalment sabiex ma jaqlax inkwiet bla bżonn;*

*9. l-intimata qed taġixxi b'mod li jikkostitwixxi fastidju li jista' jidher mit-traduzzjonijiet tal-messaġġi fuq Whatsapp illi hija bagħtet lill-esponenti fuq medda sostanzjali ta' żmien, minkejja li r-rikorrenti kien iddeċieda li ma jipproċedix kontriha kriminalment sabiex ma jaqlax inkwiet bla bżonn;*

*10. l-intimata, Anna Zioura, heddet lill-esponenti, bil-lingwa materna tagħha, illi se toqtlu, kemm quddiem il-qorti (seduta stante) u kemm bil-kitba, għalkemm l-esponenti dak iż-żmien iddeċieda illi ma jipproċedix kontriha kriminalment sabiex iżomm il-paċi;*

*11. l-intimata, Anna Zioura, qiegħda tiġi investigata b'konnessjoni ma' reati/kontravenzjonijiet li ġew irrapportati mill-esponenti;* [45]

*12. l-intimata, Anna Zioura, lesta li tagħmel kollox, anke tuża lil bintha minuri stess (bħalma użat lil bintha l-oħra) sabiex timpika mar-rikorrenti;*

*13. in vista tar-raġunijiet premessi, l-intimata, Anna Zioura, hija ċertament kandidat prinċipali biex tikkommetti r-reat tal-mogħdrija u t-traskuraġni tat-tfal taħt l-Artikolu 247A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tas-serq ta' persuna taħt l-Artikolu 199 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-reat transnazzjonali tal-ħtif tat-tfal li kollha, fl-umili fehma tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tipprevjeni billi teżerċita r-responsabbiltà li tipproteġi, liema dmir joħroġ mil-liġi kriminali transnazzjonali, il-liġi kriminali supranazzjonali u l-liġi kriminali internazzjonali. Fil-fatt, 'il-ħtif tal-persuni, l-arrest illegali, u t-teħid tal-ostaġġi' huma kollha reati li jaqgħu fil-parametri tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u jġibu magħhom l-obbligazzjoni ta' ċediment abbażi tal-istess Mandat ta' Arrest Ewropew.'* [46]

[45] dokument 'VS5'
[46] Ara Artikolu 2(2) tal-*Council Framework Decision* tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-*European Arrest Warrant* u l-Proċeduri ta' Ċediment bejn Stati Membri (2002/584/JHA).

*Fid-dawl u l-kuntest tar-raġunijiet premessi, u speċjalment in vista tal-istituzzjoni tal-proċeduri kostituzzjonali odjerni, ir-riskju imminenti ta' dannu irrimedjabbli ċertament huwa preżenti.*[47] *F'dan il-punt, l-esponenti jenfasizza illi rimedju provviżorju ġie wkoll mogħti 'in certain Article 8 cases involving the returning of abducted children pursuant to the Hague Convention to countries where it is alleged that the interests of the child will be irreparably prejudiced,'*[48] *bħal pereżempju, f'B v Belgium,*[49] *u Neulinger and Shuruk v Switzerland.*[50]

*Għalkemm il-bint l-oħra tal-intimata Anna Zioura, Elli Manoudaki (illi missierha mhuwiex l-esponenti), issofri minn dipendenza fuq id-drogi, u għalkemm Anna Zioura użatha biex tipprova ttebba l-kredibilità tar-rikorrenti, u għalkemm il-benesseri tal-bint minuri Natalia Sarafi ddeterjora b'mod sostanzjali wara l-ħarġa tad-digriet fuq imsemmi u wisq iżjed taħt il-kura u kustodja tal-intimata Anna Zioura,*[51] *l-esponenti mhuwiex jitlob illi l-intimata Anna Zioura m'għandhiex tgawdi minn drittijiet ta' viżitazzjoni u/jew aċċess fil-konfront ta' binthom minuri jekk il-qorti kompetenti tiddetermina illi r-ritenzjoni tar-relazzjoni bejn l-omm u l-bint tista' tkun, fl-aħħar mill-aħħar, fl-aqwa interess tat-tifla, dejjem jekk il-bint minuri ma tkun qatt esposta għal kwalunkwe drogi u/jew sustanzi psikotropiċi (Dokument 'VS4').*

*D) It-Talbiet tar-Rikorrenti:*

*Fid-dawl u l-kuntest tal-premess, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna, b'urġenza:*

*1) bħala miżura proviżorja u temporanja li għandha tapplika awtomatikament u pendente lite sabiex jiġu evitati l-vjolazzjonijiet kontinwi ilmentati f'dan ir-rikors, illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Natalia Sarafi għandha tiġi vestita lill-esponenti Vasileios Sarafis b'mod immedjat; jew*

*1bis) bħala miżura proviżorja u temporanja li għandha tapplika awtomatikament u pendente lite sabiex jiġu evitati l-vjolazzjonijiet kontinwi ilmentati f'dan ir-rikors, illi r-residenza ordinarja tar-rikorrenti Vasileois Sarafis tiġi ddikjarata bħala r-residenza proviżorja ta' bintu minuri Natalia Sarafi u li l-istess Vasileois Sarafis għalhekk jassumi l-patria potesta fuq l-istess bintu;*

*2) bħala miżura proviżorja, illi Avukat tat-Tfal jiġi formalment appuntat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprovdi assistenza legali lill-bint minuri tar-rikorrenti u sabiex l-interessi tagħha fil-liġi jiġu salvagwardjati;*

*u barra minn hekk, illi ssib u tiddikjara illi:*

---

[47] Vide Mamatkulov and Askarov v Turkey, European Court of Human Rights, Application Numbers 46827/99 46951/99, 4 ta' Frar 2005, para. 104.
[48] D.J. Harris, M. O'Boyle, E.P. Bates and C.M. Buckley, Harris, O'Boyle and Warbrick Law of the European Convention on Human Rights, 2018, Oxford University Press, paġna 149.
[49] European Court of Human Rights, Second Chamber, Application Number 4320/11, 10 ta' Lulju 2012, paragrafu 83. Din is-sentenza hija disponibbli biss bil-Franċiż hawnhekk: https://hudoc.echr.coe.int/eng#{%22itemid%22:[%22001-112087%22]}
[50] European Court of Human Rights, Grand Chamber, Application Number 41615/07, 6 ta' Lulju 2010, paragrafu 10.
[51] Ara r-ritratti li juru l-istat fiżiku tal-bint minuri qabel id-digriet u dawn li juru l-istat tagħha biss ftit xhur wara d-digriet. Wieħed għandu jinnota kliem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem: *'the Court notes that only certain offences under the Criminal Code lead to the removal of parental rights. These offences include defilement of minors; inducing persons under age to engage in prostitution; the making of indecent photographs, films, etc., of persons under age; and ill-treatment or neglect of children under twelve years of age, as in the present case.'* [*vide* M.D. v Malta, European Court of Human Rights, Fourth Section, Application 64791/10, 17 ta' Lulju 2012, paragrafu 77].

*3) Artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-obbligazzjonijiet pożittivi tal-Istat, ġew vjolati għad-detriment tar-rikorrenti kif ġie sottomess fil-premess;*

*4) Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali Dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha jipprojbixxu li wieħed jiġi soġġett għal trattament u kastig inuman, ġew vjolati kif ġie sottomess fil-premess;*

*5) Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 47 tal-Karta tal-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kollha kemm huma jissalvagwardjaw id-dritt għal smigħ xieraq ġew vjolati abbażi tan-nuqqas tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li tiżvela u tagħmel disponibbli r-rapport/i tas-social workers tal-Aġenzija Appoġġ, kif ġie sottomess fil-premess;*

*6) Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 47 tal-Karta tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 39 sub-inċiż (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 14 tal-Patt Internazzjonali Dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha jissalvagwardjaw id-dritt għal smigħ xieraq, ġew vjolati abbażi tan-nuqqas ta' imparzjalità tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), kif sottomess fil-premess;*

*7) Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 39 sub-inċiż (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 14 tal-Patt Internazzjonali Dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha kemm huma jissalvagwardjaw id-dritt għal smigħ xieraq, ġew vjolati abbażi tan-nuqqas tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li toħroġ digriet u/jew deċiżjoni fi żmien raġonevoli, kif ġie sottomess fil-premess;*

*8) Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 9 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 32 sub-inċiż (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikoli 17 u 23 tal-Patt Internazzjonali tad-Drittijiet Politiċi u Ċivili, li kollha kemm huma jipproteġu d-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari, ġew vjolati kif ġie sottomess fil-premess;*

*9) Artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u Artikolu 2 sub-inċiż (3) tal-Patt Internazzjonali Dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha jipproteġu d-dritt għal rimedju nazzjonali effettiv, li ġew vjolati kif ġie sottomess fil-premess;*

*10) Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 26 tal-Patt Internazzjonali Dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kollha jipprekludu d-*

*diskriminazzjoni abbażi tas-sess u/jew ġeneru, ġew vjolati kif ġie sottomess fil-premess;*

*11) Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipproteġi d-drittijiet tal-minuri Natalia Sarafi, ġie vjolat kif ġie sottomess fil-premess;*

*12) Artikolu 24 tal-Patt Internazzjonali Dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li jiggarantixxi l-miżuri ta' protezzjoni li għandhom ikunu provduti lill-minuri Natalia Sarafi, ġie vjolat kif ġie sottomess fil-premess;*

*13) Artikolu 2, 3, 5, 6 sub-inċiż (2), 8 sub-inċiż (1), 9 sub-inċiż (2), 12 sub-inċiż (1), 12 sub-inċiż (2), 16 u 18, li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-bint minuri Natalia Sarafi ai termini tal-Konvenzjoni Dwar it-Drittijiet tat-Tfal, ġew vjolati kif ġie sottomess fil-premess; u anke*

*14) illi tagħti rimedju tramite kumpens pekunarju adegwat wara li tillikwida kull u kwalunkwe danni sofferti mir-rikorrenti u/jew bintu minuri bħala riżultat tal-vjolazzjoni jew vjolazzjonijiet attribwibbli lill-intimata/i;*

*u barra minn hekk, bħala riżultat tas-sejba ta' vjolazzjoni u/jew vjolazzjonijet, tannulla u tneħħi mill-atti tal-proċeduri, għall-finijiet u l-iskopijiet kollha tal-liġi:*

*15) it-tlett digrieti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datati 24 ta' Settembru 2019, 29 ta' Mejju 2020, u 16 ta' Lulju 2020;*

*u fl-aħħar illi tordna:*

*16) is-sorrogazzjoni pronta ta' Imħallef ieħor, li mhuwiex/mhijiex l-Imħallef li ppresjedi/iet l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fil-proċeduri bin-numru 244/19 JPG u 245/2019 AL, sabiex tassumi l-atti tal-proċeduri, in toto, u sabiex tieħu deċiżjon u/jew toħroġ kwalukwe digrieti, u finalment jiddisponi/tiddisponi mill-proċeduri paralellari billi:*

*17) tgħaqqad il-kawżi (proċeduri) u tirrijintegra l-kawżi u/jew il-proċeduri u/jew l-atti tal-proċeduri fl-istatus quo ante tagħhom, ossia, is-sitwazzjoni prevalenti nhar it-23 ta' Settembru 2019, jiġifieri, qabel mal-ewwel digriet kontestat, dak datat 24 ta' Settembru 2019, ġie maħruġ;*

*Dan huwa dak li r-rikorrenti umilment u bir-rispett jissottometti għad-dictum mgħarraf u mgħallem ta' din l-Onorabbli Qorti.*

2. Rat illi fit-13 ta' Novembru 2020, l-Avukat tal-Istat u l-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

*1. Illi in linea preliminari, il-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn it-tip ta' proċeduri u għalhekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2. Illi in linea preliminari wkoll, jidher li dawn il-proċeduri huma ntempestivi għaliex ir-rikorrenti għandu rimedji ordinarji li jista' jutilizza qabel ma jiftaħ proċeduri bħal dawn u qabel ma jsemmi kull tip ta' ksur possibbli tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi ta' qabel, fil-mertu, l-esponenti jqisu li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jeżisti l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan kif ser jiġi muri aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*4. Illi mhix il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li ssir qorti ta' reviżjoni għal digrieti jew deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji li jmorru oltre d-disposizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*5. Illi fil-kamp tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) wieħed irid jifhem in-natura straordinarja ta' ċertu ġeneru ta' kawżi, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw tfal minuri f'kawżi fejn il-ġenituri ma jibqgħux flimkien;*

*6. Illi l-artikolu 47 tal-Kodiċi Ċivili jagħti s-setgħa lill-Qorti tal-Familja li tagħti dawk l-ordnijiet dwar min jieħu ħsieb it-tfal kif jidhrilha xieraq, u l-liġi teżiġi li meta tkun qed tagħmel hekk, il-Qorti għandha tqis bħala l-iktar konsiderazzjoni importanti l-ġid tal-ulied. Għalhekk l-ordnijiet kollha tal-Qorti kif presjeduta mill-Imħallef Padovani Grima, ġew maħruġa wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li,* ***fid-diskrezzjoni u fl-għerf tagħha rat x'inhu l-aħjar għall-minuri <u>f'dak l-istadju</u>*** *– dan jgħodd kemm għat-talba sabiex jiġi maħtur Avukat tat-Tfal; kif ukoll għall-aċċess tal-partijiet għar-rapporti redatti mill-Aġenzija Appoġġ – ma jfissirx li talbiet futuri mir-rikorrenti f'dan ir-rigward mhux ser jiġu milqugħa. <u>Għalhekk l-artikoli msemmija mir-rikorrenti li jipproteġu d-drittijiet tal-minuri u jiggarantixxu l-miżuri ta' protezzjoni, ġew diġa' mħarsa bid-digriet pendente lite tal-Qorti li jġib id-data 24 ta' Settembru 2019</u>. Ma jistax jiġi aċċettat li għax parti fil-kawża ma taqbilx ma' digriet, nibdew nirrikorru għal tali proċeduri eċċezzjonali;*

*7. Xieraq li jiġi enfasizzat li l-Qorti fl-ebda mument ma waqqfet lir-rikorrent milli jippreżenta kwalunkwe rikorsi, noti u risposti u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jilmenta li d-dritt għal smigħ xieraq ġie mittiefes. Il-fatt li r-rikorrent ma jaqbilx ma' digriet tal-Qorti ma jfissirx li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie miksur;*

*8. Illi barra minn hekk, id-dritt għal smigħ xieraq jiġi eżaminat fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku; u kull każ għandu jiġi studjat skont il-fattispeċji tiegħu;*

*9. Illi ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u dan għaliex ma hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti;*

*10.Illi sabiex ir-rikorrenti jistgħu jallegaw li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom ai termini tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, iridu jipprovaw ukoll li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'like with like' u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju;*

*11.Illi jinkombi fuq ir-rikorrenti li juri b'liema mod u manjiera qed jiġi soġġett għal tortura u trattament jew kastigi inumani; b'liema mod l-obbligazzjonijiet pożittivi tal-Istat qed jiġu vvjolati għad-detriment tar-rikorrent; u b'liema mod id-dritt tar-rikorrenti ta' protezzjoni għar-rispett għall-ħajja familjari qed jiġi mittiefes;*

*12.Illi meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi gravużi li jeżiġu ħruġ ta' miżura provviżorja, huwa evidenti li l-fatti ta' dan il-każ żgur ma jikkwalifikawx għal tali miżura;*

*13.Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem għallmet li miżura proviżorja hija mezz* ***eċċezzjonali u straordinarju*** *li tiġi adottata b'mod ristrett għall-aħħar ġeneralment meta: "there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm" u meta jkun ippruvat mingħajr ebda ekwivoċi, li hemm "an alleged risk to life or ill treatment". Dan jiffigura normalment f'każijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni għal Stati fejn ir-riskju għall-ħajja huwa kbir u ċjoe f'każijiet fejn il-lanjanza tirrigwarda ksur tal-artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni. Fil-fatt, il-Qorti Ewropea fil-"Factsheet - Interim measures" ta' Jannar 2019 tirreferi għar-Regola numru 39 tar-Rules of Court tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dwar it-tifsira u l-użu tal-proċedura eċċezzjonali interim tispjega li -:*

*"Interim measures are* ***urgent measures*** *which, according to the Court's well-established practice,* ***apply only where there is an imminent risk of irreparable harm****. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.* ***In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition****. The Court grants such requests for an interim measure only on an* ***exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm*** *...*

*In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would* ***fear for their lives*** *(thus engaging Article 2 of the Convention) or would face* ***ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment)****...*

***In the Court's case-law as it currently stands, Rule 39 is not applied, for example, in the following cases : to prevent the imminent demolition of property, imminent insolvency, the enforcement of an obligation to do military service, to obtain the release of an applicant who is in prison pending the Court's decision as to the fairness of the proceedings, to ensure***

***the holding of a referendum, or to prevent the dissolution of a political party."*** *(Enfasi miżjud)*

14. *Illi l-Qorti Kostituzzjonali rriteniet hekk fil-każ Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Ġenerali (9 ta' Jannar 2017): "Fl-ewwel lok jiġi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. [Q. Kost. Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali [Kompetizzjoni, deċiża 25 ta' Settembru, 2014)."*;

*15.Fid-deċiżjonijiet li ġejjin, talbiet għar-rimedju proviżorju ġew kollha miċħuda bil-qawwa:*

*i. Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Lulju 2013;*

*ii. Martin Dimech vs. Avukat Ġenerali mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Settembru 2013;*

*iii. Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta'April 2014;*

*iv. Stephen Pirotta vs. Avukat Ġenerali et tad-19 t'April 2016 deċiż minn din l-Onorabbli Qorti;*

*v. Rosario sive Sario Sultana vs Avukat Ġenerali u Spettur Louise Calleja tat-3 ta' Novembru 2016 deċiż minn din l-Onorabbli Qorti;*

*vi. Trevor Bonnici vs L-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2016 deċiż minn din l-Onorabbli Qorti;*

*vii. Av. Larry Formosa ghan-nom u in rappresentanza tal-imsiefer Daniel Gill (Passaport tar-Renju Unit Numru : 801159683) kontra L-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2017 deċiż minn din l-Onorabbli Qorti;*

*viii. Mark Formosa vs L-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2017 deċiż minn din l-Onorabbli Qorti;*

*16.L-esponenti umilment jaraw li fil-każ odjern ma hemmx ċirkostanzi daqshekk gravużi li jimmilitaw favur il-ħruġ ta' miżura proviżorja għaliex ma hemmx kwistjoni ta' theddida fuq il-ħajja jew l-inkolumità fiżika. Kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Rosette Thake et vs Prim Ministru et (Atti tar-rikors 50/16/1 JRM): "biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu." F'dan il-każ ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali, lanqas prima facie u lanqas ma jirriżulta dannu rreparabbli;*

*17.Dan jindika b'mod ċar li kwalunkwe talbiet għal miżura provviżorja għandhom jiġu skartati;*

*18.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad fl-intier tagħhom il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali u ma jeżistux ir-rekwiżiti estremi meħtieġa sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jiġu milqugħa.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

3. Rat illi fis-16 ta' Novembru 2020, ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

   1. *Illi in linea preliminari ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali m'huwiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;*

   2. *Illi jiġi rilevat li f'dan il-każ ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, għal xi nuqqas minn naħa tal-amministrazzjoni tal-Qrati rappreżentata mill-esponenti u għalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

   3. *Illi jidher li r-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tiegħu għall-ġudikant li kienet qed tippresedji il-proċeduri fil-Qorti tal-Familja u għal dan l-allegat nuqqas żgur li ma jistax iwieġeb jew jiġi tenut responsabbli l-esponenti.*

   4. *Illi f'dan il-kuntest ssir riferenza għal kawża fl-ismijiet* ***Carmelo sive Charles Delia et vs Reġistratur tal-Qrati et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Reġistratur u tad-Direttur tal-Qrati speċifikatament intqal li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.*

   5. *Illi in oltre l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal :*

      *'Hu ben saput li l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa` taħt l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli għall-operat tal-Qorti, allura ir-Reġistratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-*

*amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Ġudikant, ma jistax hawn hekk ikun leġittimu kontradittur.'*

6. *Illi ċertament l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas ma kienu involut fil-materja u għalhekk żgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li la kien parti fil-proċeduri u lanqas edott minn nuqqasijiet jew problemi li setgħu inqalgħu matul il-proċeduri u għaldaqstant il-ksur lamentat mir-rikorrenti żgur li mhux tort tal-esponenti.*

7. *Illi huwa risaput li l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa` taħt l-ebda dipartiment governattiv u għalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

8. *Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:*

   *'Kwantu għall-appellat Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrapreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, <u>huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skond il-liġi</u> – u hu ma hux f'posizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.'*

9. *Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

   *Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjeż kontra l-stess rikorrenti.*

4. Rat illi fis-6 ta' Jannar 2021, Anna Zioura laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

   1. *Illi preliminarjament jingħad illi l-esponenti m'hijiex il-leġittimu kontradittur u dana stante li hija qatt ma tista' tirrispondi u/jew tinstab responsabbli għal-leżjoni tad-dritt tar-rikorrent;*

   2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u dwar il-mertu jingħad illi t-talbiet tar-rikorrent mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirriżulta mis-smigħ u trattazzjoni tal-kawża;*

   3. *Illi r-rikorrent qiegħed sfaċċatament jittanta tabbuża minn dawn il-proċeduri straordinarji u solenni u juża l-istess bħala forma t'appell minn diversi digrieti li ngħataw mill-Qorti tal-Familja li kienet propju hi li kellha l-opportunita` tevalwa l-komportament u l-aġir tal-partijiet, u għexet l-iter tal-proċess ta' medjazzjoni u sussegwentement tar-rikors ġuramentat;*

4. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi r-rikorrent lanqas qed ikun sinċier fid-dikjarazzjonijiet tal-fatti li ssottometta quddiem din l-Onorabbli Qorti u fil-fatt għażel li ma jagħtix id-dettalji kollha pertinenti għall-każ odjern;*

5. *Illi l-maġġorparti tal-fatti kif elenkati fir-rikors promotur m'humiex għal kollox veritieri u uħud minnhom huma adirittura fabrikazzjoni assoluta tar-rikorrent;*

***Dwar l-Vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni***

1. *Illi bir-rispett jiġi sottomess illi huwa assurd li r-rikorrent jallega li sofra minn trattament u kastig inuman, sempliċiment għax l-Ewwel Qorti tat piż lil xhieda ta' tfajla dwar abbuż li soffriet minn taħt idejn ir-rikorrent; liema xhieda jingħad li r-rikorrent innifsu kkonferma fit-testimonjanza tiegħu, għalkemm pruva jiġġustifika l-aġir tiegħu!*

**2.** *Illi in oltre jingħad "illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet tal-ligi, jeħtieġ ċertu grad ta' gravità, li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[52], kif qed iħoss ir-rikorrent!*

***Dwar l-Vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni***

1. *Illi bir-rispett jiġi sottomess illi ma kien hemm ebda leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent u dak li qed jittenta jagħmel ir-rikorrent huwa li oltre li jappella minn digriet mogħti mill-Qorti tal-Familja tramite l-proċeduri odjerni, iwettaq forum shopping;*

2. *Illi jingħad li l-Qorti tal-Familja kienet appuntat rikors għas-smigħ u fil-fatt kienet anke semgħet lill-partijiet u s-sottomissjonijiet tal-avukati tagħhom f'iktar minn udjenza waħda, anke jekk il-proċeduri dak iż-żmien kienu għadhom fi stadju ta' medjazzjoni;*

3. *Illi iktar minn hekk u mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad illi fil-mori tal-medjazzjoni permezz tad-digriet tagħha tal-24 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Familja kienet ħatret lill-Aġenzija Appoġġ biex tibda tagħmel moniteraġġ u anke tirrelata lura lill-Qorti. Sussegwentement dik il-medjazzjoni ingħalqet u ż-żewġ kontendenti intavolaw rikors ġuramentat, l-ewwel wieħed tal-esponenti li ġie assenjat lill-Onor. Imħallef Padovani Grima, u t-tieni wieħed tar-rikorrent li ġie assenjat lill-Onor. Imħallef Abigail Lofaro;*

---

[52] Ara fost oħrajn Rikors Numru 23/15JRM **Jennifer Koster v Il-Kummissarju tal-Pulizija** deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Diċembru 2020

4. *Illi jingħad li fl-ewwel udjenzi, taż-żewġ kawżi separati, ir-rikorrent aċċenna u għamilha ċara li kien ser jitlob ir-rikuża tal-Imhallef Jacqueline Padovani Grima; tant li fl-ewwel seduta quddiem l-Onor. Imhallef Abigail Lofaro, nhar id-9 ta' Jannar 2020, huwa talab li l-Qorti tiddifferixxi l-kawża sakemm tali punt jiġi determinat;*

5. *Illi fir-rikors tiegħu, r-rikorrenti jilmenta illi l-Ewwel Qorti tal-Familja, presjeduta mill-Imħallef Lofaro kisret id-drittijiet tiegħu meta naqset illi tiddeċiedi dwar ir-rikors minnu ntavolat. Illi hekk kif inhu ben risaput, anke minn ġurisprudenza nostrana, "'in judicis qua si contraditur' u għalhekk il-verbal miżmum mir-reġistratur b'ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-saħħa ta' kważi kuntratt ġudizzjarju."[53] Dan ġie kkonfermat f'diversi kawżi oħra, fosthom mill-Qorti tal-Appell, fiċ-ċitazzjoni* ***Direttur ta' l-Agrikoltura v Remigio Galea****, fejn l-istess qalet, "li l-verbal (...omissis) huwa vinkolanti għalihom it-tnejn u jikkostitwixxi 'kważi-kuntratt' ġudizzjali li ma jistax jiġi newtralizzat jekk mhux bil-kunsens taż-żewġ partijiet." L-istess Qorti kompliet, "li d-dikjarazzjoni verbalizzata tal-partijiet fil-kawża, bħal dik in kwistjoni, torbot ukoll lill-partijiet li għamluha ... Dak li l-partijiet riedu li jintrabtu bih, sija jekk jirrigwarda differiment tal-kawża sija jekk jirrigwarda l-mertu tagħha għandu jorbothom għax dik kienet ir-rieda tagħhom u l-ġudikant għandu jirrikonoxxi dik ir-rieda."[54]*

6. *Illi għaldaqstant, li llum jittenta juża' t-talba tiegħu kif milqugħa minn dik il-Qorti, biex jottjeni dikjarazzjoni ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tiegħu għax dik l-istess Qorti ma ddegretatx rikors intavolat minnu, hija tassew ridikolaġni u abbuż ċar u manifest tal-proċeduri;*

7. *Illi b'żieda mas-suespost, ir-rikorrenti jilmenta ukoll illi l-Qorti tal-Familja presjeduta mill-Imħallef Padovani Grima, impinġiet fuq id-drittijiet tiegħu meta naqset illi tagħtih aċċess għar-rapport magħmul mill-Ħaddiema Soċjali tal-Appoġġ. Irid jingħad li stante li r-rikorrent innifsu mill-ewwel talab ir-rikuża tal-Onor. Imħallef Padovani Grima, iż-żewġ rikorsi ġuramentati ma setgħux jipprosegwu qabel tiġi indirizzata dik it-talba b'digriet appożitu u għalhekk huwa tassew inkonċepibbli kif illum qed jilmenta li ma ingħatax aċċess għar-rapport tal-ħaddiema soċjali meta l-Qorti riedet l-ewwel u qabel xejn tiddetermina kinitx ser tisma' l-kawża o meno. Effettivament ftit wara li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba għar-rikuża, il-partijiet ingħataw aċċess għar-rapport tal-Ħaddiema Soċjali;*

8. *Illi b'żieda mas-suespost u mingħajr preġudizzju għall-istess, lanqas ma jreġġi l-argument tar-rikorrent li kien hemm xi nuqqas ta' "dritt ta' opportunita` ugwali bejn il-partijiet (equality of arms), audi alteram partem) minħabba n-nuqqas ta' aċċess għall-imsemmi rapport, għax bħalma l-kopja tar-rapport ma ngħatatx lilu, lanqas ma kienet sa dak iż-żmien, ingħatat lill-esponenti;*

[53] Ara **Geranzio u Lina konjuġi Bartolo v Angelo Caruana** deċiża mill-Imħallef Said Pullicino nhar il-11 ta' Dċembru 1992.
[54] Ara **Direttur ta' l-Agrikoltura v Remigio Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Marzu 1987.

9. *Illi dejjem b'żieda mas-suespost u mingħajr preġudizzju għall-istess, jingħad li lanqas ma jreġġi l-argument tar-rikorrent li għax il-Qorti ma tatx aċċess immedjat lill-partijiet għar-rapport tal-Ħaddiema Soċjali huwa sintomu ta' nuqqas t'imparzjalita` kif qed isostni r-rikorrenti jew agħar minn hekk għax hija ma rrikużatx ruħha milli tisma' l-kawża ta' separazzjoni tal-kontendenti ifisser li hija għandha preġudizzju kontrih;*

10. *Illi jiġi sottomess illi t-talba għar-rikuża mhix waħda ta' konvenjenza imma ta' ġustizzja u dan kif ġie stabbilit f'iktar minn okkażjoni waħda, mill-Qrati tagħna, fosthom fil-kawża fl-ismijiet* ***Gambina vs Fithome Limited*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Jannar 2005 fejn ġie ritenut hekk:*

    *"Jiġi osservat li r-rikuża hija fil-verita` opposizzjoni kontra l-ġudikant. Din mhix xi ħaġa li tista' titqanqal arbitrarjament minn xi parti għaliex tħossha iktar komda jew protetta quddiem ġudikant iktar minn ieħor; hija proċedura speċjali intiża biex tħares l-interess tal-ġustizzja u hija sollevabbli f'ċirkostanzi preċiżi u partikolari. U l-liġi tal-proċedura tillimita drastikament u tassattivament iċ-ċirkostanzi fejn din tista' titqajjem; altrimenti wieħed jispiċċa fl-arbitrarjeta` u jagħti lok għal ħafna dubji u nġerenzi fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. L-ikbar garanzija sabiex il-ġustizzja tidher li qed issir huwa billi l-ġustizzja tiġi amministrata f'parametri ta' regoli fissi u d-diskrezzjoni tkun eżerċitata fil-limiti ta' dawk ir-regoli. Altrimenti din ma tibqa' gustizzja xejn u ssir arbitrarjeta`."*

11. *Illi bir-rispett jiġi sottomess illi "kull Imħallef għandu l-jedd li jaċċerta u jenforza d-dixxiplina tal-proċess ġudizzjarju. Il-fatt li l-Imħallef konċernata dehrilha li kellha tuża l-kliem iebes li wżat biex tassikura l-awtorita` tal-qorti fuq l-imġieba tal-partijiet ma jista` qatt jiġi mifhum bħala li jfisser li għandha bias kontra r-rikorrenti li se jkollu effett prorompenti fuq is-sentenza finali tal-qorti. Il-parzjalita` oġġettiva u/jew soġġettiva tal-ġudikant trid tiġi ppruvata b`mod konklussiv fuq l-iskorta ta' fatti ppruvati"*[55]*;*

12. *Illi għalhekk bir-rispett jiġi sottomess illi anke t-talbiet marbuta man-nuqqas ta' smigħ xieraq għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih;*

***Dwar il-Vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni***

1. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'żieda mal-istess jingħad illi huwa tassew ironiku li r-rikorrent Missier qed jallega ksur tad-drittijiet tiegħu u tal-bint skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, għax il-Qorti ddeċidiet pendente lite, li l-bint għandha tabita mal-Omm b'aċċess ampju versu l-Missier; meta l-istess Missier żamm lit-tifla miegħu u ma tax aċċess lill-martu għall-ġimgħat sħaħ qabel ma kien hemm digriet t'aċċess mill-istess Qorti;*

[55] Ara Rikors Numru 77/16JZM **Nadia Vella v L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2020

2. *Illi jingħad li għall-kuntrarju tal-Omm, il-Missier dejjem baqa' jgawdi l-ħin mal-bint, u fil-fatt l-Ewwel Qorti ma waslitx għal digriet b'mod leġġer u għalhekk lanqas ma jreġġi l-argument tal-allegat diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru. Jingħad u ser jiġi ppruvat, li l-Ewwel Qorti minkejja t-talba b'urġenza tal-Omm illi t-tifla tittieħed mingħand il-Missier bl-għajnuna tal-marixxalli b'mod immedjat, appuntat l-istess għas-smigħ, u wara xhur sħaħ ta' seduti u xhieda biss li tat deċiżjoni pendente lite, fejn ordnat illi t-tifla għandha tabita mal-Omm b'aċċess versu l-Missier u għalhekk tali deċiżjoni ma ttiħditx b'xi mod leġġer kif qed jipprova jimplika r-rikorrent.*

3. *Illi bir-rispett, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Carmelo Mizzi v Mary sive Moira Mizzi*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Familja, nhar it-30 ta' Ġunju 2015, fejn il-Qorti tenniet hekk: "Fi proċeduri ġudizzjarji li jinċidu fuq id-drittijiet ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom setgħat pjuttost wiesgħa u flessibbli sabiex iħarsu bl-aħjar mezz possibbli d-drittijiet tal-persuni taħt l-eta' maġġuri. Dan naturalment in omaġġ għall-prinċipju kardinali illi l-persuni l-aktar vulnerabbli fis-soċjeta' għandhom jirċievu l-akbar protezzjoni possibbli mill-organi kollha tal-istat." F'dik l-istanza il-Qorti kompliet hekk: "Meta si tratta ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maġġor parti tal-każijiet li jitressqu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċiżjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri."*

4. *Illi fl-imsemmija sentenza ssir referenza wkoll għall-Artikolu 149 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jtenn "B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-Qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta ta' persuna li tkun taħt l-eta kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel." L-imsemmi artikolu huwa simili ghall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal;*

***Dwar it-Talba għall-Miżuri Provviżorji u l-Allegazzjonijiet mitfugħa fil-konfront tal-Esponenti***

1. *Illi jibda biex jingħad li proċeduri ta' din ix-xorta għandhom ikunu bbażati fuq fatti konkreti mhux konġetturi u/jew biżgħat ta' parti fuq il-parti l-oħra. Huwa tassew inkonċepibbli kif ir-rikorrent jikkonkludi illi l-esponenti għax hija Griega (bħalu) u għandha għassi fil-Greċja (bħalu) u għandha familjari fil-Greċja (bħalu) hija "ċertament kandidat prinċipali biex tikkommetti r-reat tal-mogħdrija u t-traskuraġni tat-tfal, tas-serq ta' persuna u r-reat transnazzjoni tal-ħtif tat-tfal";*

2. *Illi huwa kemmxejn kontradittorju u ironiku, illi nonostante dal-biżgħat kollha li martu taħrab mill-pajjiż bit-tifla, huwa qatt ma intavola mandat ta' inibizzjoni biex il-minuri ma tinħariġx mill-pajjiż. Ħaġa li l-esponenti fil-fatt għamlet, għax hi għall-kuntrarju tiegħu, kellha biżgħa reali li huwa seta' jaħrab minn Malta;*

3. *Illi b'żieda mas-suespost u mingħajr preġudizzju għall-istess, ma jeżistux l-elementi meħtieġa mil-liġi għall-akkoljiment tat-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tagħti miżura ad interim a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, liema talbiet jirriżultaw manifestament infondati u għalhekk għandhom jiġu miċħuda;*

4. *Illi jingħad minnufih li dawn it-tip ta' talbiet ġew konsistentement u invarjabbilment miċħuda mill-Qrati tagħna għax talba bħal din m'hi xejn ħlief abbuż ta' proċedura intiża sabiex twaqqaf eżekuzzjoni ta' digriet fi proċeduri ċivili. F'dan ir-rigward issir referenza għal "A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights" (4th Edition – Sweet & Maxwell) f'liema ġie stabbilit illi:- As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb (cases under article 2 and 3)."*

5. *Kemm il-Qrati nostrani kif ukoll il-Qorti Ewropeja jinterpretaw kwistjonijiet ta' interim measures b'mod ristrett għall-aħħar u jikkonċedu tali miżuri biss f'ċirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolenza tad-dritt għall-ħajja u ta' trattament inuman u degredanti iżda tali allegazzjonijiet huma ċirkoskritti għall-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni. Issir referenza għall-pubblikazzjoni "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (Raba` Edizzjoni – 2006 - Intersentia) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak, jgħidu – ... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination.*

6. *F'każijiet fejn ikun hemm a risk to private and family life, jingħad hekk: Exceptionally Rule 39 of the Rules of Court has been applied in cases that engage Article 8 (right to respect for private and family life) of the Convention, where there is a potentially irreparable risk to private or family life.*

7. *Illi għaldaqstant, interim measure, tingħata biss fil-każi fejn tirriżulta l-prova mqar fuq bażi ta' prima facie ta' an imminent risk of irreparable harm. Eċċezzjonalment biss kienet applikata f`każi ta' allegati vjolazzjonijiet tal-Art 6 u tal-Art 8 tal-Konvenzjoni, tant li anke fil-każ fl-ismijiet* ***Dinah Aquilina pro et noe v Id-Direttur tad-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali et****, fejn il-minuri kienu ser jiġu relokati ġewwa l-Awstralja, tali talba ġiet miċħuda! Tant hija eċċezzjonali l-miżura li diversi kienu d-drabi meta l-ECHR, wara li tkun tat interim measure, tkun pronta treġġa` lura l-miżura meta ssib li ma jkunx hemm aktar ħtieġa għaliha;*

8. *Illi bir-rispett jiġi sottomess illi jirriżulta kjarament illi fil-każ odjern m'hemm ebda prova ta' an imminent risk of irreparable harm jew addirittura ta` an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb jekk il-Qorti ma tilqax u ma takkordax l-interim measure mitlub mir-rikorrent;*

9. *Bir-rispett jiġi sottomess illi jekk ir-rikorrenti għandu lanjanzi kostituzzjonali u/jew konvenzjonali xi jressaq dwar l-imsemmi digriet, jispetta lir-rikorrent li jagħmel il-prova skont il-liġi fil-kors tal-kawża. Iżda ma jistax jaqleb kollox ta' taħt fuq billi jitlob lil din il-Qorti sabiex, mingħajr ma jkollha prova ġustifikattiva attinenti għal-lanjanzi lamentati, tagħti interim measure fejn iġġib fix-xejn digriet tal-Qorti;*

10. *Illi huwa manifest illi l-aspettattiva tar-rikorrent fil-proċediment odjern ma jinkwadrax fis-sitwazzjonijiet fejn kien applikat r-Rule 39 tar-Rules of Court u għaldaqstant, it-talbiet tiegħu għall-interim measure għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih.*

11. *Illi għalhekk u tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, l-esponent jopponi għat-talbiet kollha mressqa mir-rikorrent;*

12. *Illi finalment l-esponent topponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

5. Rat illi permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Jannar 2021 il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-kawżi ntavolati quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 244/2019 u 245/2019.

6. Rat illi permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Lulju 2021 il-Qorti ordnat ukoll l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni bin-numru 44/2019.

## Provi

7. Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021 il-Qorti ġiet mitluba sabiex tieħu konjizzjoni u tagħti deċiżjoni fuq it-tieni miżura provviżorja u ċioe' dik relatata mal-ħatra ta' avukat tat-tfal.

8. Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2021 l-attur iddikjara illi m'għandux provi xi jressaq fuq it-tieni miżura provviżorja.

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Xenia Scicluna Rifugio** mogħtija fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2021 (fol 168-176 et seq).

10. Semgħet ix-xhieda tal-attur **Vasileios Sarafis** mogħtija fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2021 (fol 177-180).

11. Rat in-nota tal-intimata Anna Zioura ppreżentata fil-5 ta' Lulju 2021 u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 181-189).

12. Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2021 il-partijiet iddikjaraw illi m'għandhomx aktar provi xi jressqu fuq din it-tieni miżura provviżorja.

13. Rat illi fit-13 ta' Settembru 2021 l-intimata Anna Zioura ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha relatata mat-tieni miżura provviżorja (fol 195-199).

14. Rat illi fit-13 ta' Settembru 2021 l-attur ppreżenta rikors fejn talab lill-Qorti sabiex tissospendi l-preżentata tan-noti ta' sottomissjonijiet u dan in vista ta' evidenza ġdida relattiva għat-tieni miżura provviżorja.

15. Rat illi permezz ta' digriet datat 23 ta' Settembru 2021 il-Qorti ċaħdet tali talba.

16. Rat illi fl-24 ta' Settembru 2021 il-Qorti tat digriet fuq it-tieni miżura provviżorja fejn laqgħet it-talba għall-ħatra ta' avukat tat-tfal sabiex jassisti lill-minuri Natalia Sarafi.

17. Rat illi fl-24 ta' Settembru 2021 il-Qorti ordnat illi jitkomplew il-provi fuq il-meritu.

18. Rat illi fl-4 ta' Ottubru 2021 ġie ntavolat rikors mill-Avukat tal-Istat u mill-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza sabiex jingħata permess illi jiġi intavolat appell mid-digriet tal-24 ta' Settembru 2021.

19. Rat illi permezz ta' digriet datat 2 ta' Diċembru 2021 il-Qorti ċaħdet it-talba u ħatret lil Dr Tania Sammut bħala avukat tat-tfal.

20. Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2022 il-Qorti rrilevat illi l-avukat tat-tfal Dr Tania Sammut ippreżentat ir-rapport tagħha, liema rapport ġie mitlub mill-avukat tat-tfal sabiex ma jiġix ippublikat il-kontenut tiegħu għajr għal paragrafu illi ma huwiex a detriment tal-minuri, liema paragrafu huwa s-segwenti:

> *"It is the humble opinion of the exponent that the minor child clearly express her wish to reside with her mother and that she continues to see her father on the condition that he does not leave her home unattended. Also it is being recommended that the father does not speak negatively of the mother in the child's presence since this is one of her major concerns".*

21. Rat l-affidavit tal-attur **Vasileios Sarafis** ippreżentat fis-27 ta' April 2022 u rat id-dokumentazzjoni annessa miegħu (fol 226-263).

22. Rat illi fis-27 ta' April 2022 l-attur ippreżenta rikors fejn talab il-pubblikazzjoni tar-rapport redatt mill-avukat tat-tfal Dr Tania Sammut.

23. Rat illi permezz ta' digriet data 21 ta' Ġunju 2022 il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur.

24. Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022 l-attur iddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq.

25. Rat l-affidavit tal-intimata **Anna Zioura** ppreżentat fis-17 ta' Novembru 2022 u rat id-dokumentazzjoni annessa miegħu (fol 279-364).

26. Semgħet ix-xhieda ta’ **Xenia Scicluna Rifugio** mogħtija fis-seduta tat-3 ta’ Mejju 2023 (fol 370-372).

27. Semgħet ix-xhieda tal-attur **Vasileios Sarafis** mogħtija fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2023 (fol 374-385).

28. Semgħet ix-xhieda tal-intimata **Anna Zioura** mogħtija fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2023 (fol 386-392 et seq).

29. Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2023 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

30. Rat illi fis-seduta tat-22 ta’ Novembru 2023 ir-rikorrent talab aktar żmien għas-sottomissjonijiet tiegħu u l-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrent u tal-intimati.

31. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fid-29 ta’ Diċembru 2023 (fol 395-413).

32. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimata Anna Zioura ppreżentata fit-28 ta’ Frar 2024 (fol 430-438).

33. Rat illi fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2024 il-kawża marret għas-sentenza.

34. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat u tal-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza (fol 464A-487).

**Fatti tal-każ**

35. Jirriżulta illi l-attur Vasileios Sarafis u l-intimata Anna Zioura żżewġu fis-sena 2010, liema żwieġ kien ġie ċċelebrat ġewwa Volos, il-Greċja.

36. Jirriżulta illi minn din ir-relazzjoni twieldet fit-3 ta’ Ġunju 2011 Natalia Sarafi.

37. Jirriżulta illi fis-sena 2017, l-attur u l-intimata Anna Zioura stabbilixxew ruħhom, flimkien ma’ binthom Natalia Sarafi ġewwa Malta.

38. Jirriżulta illi r-relazzjoni bejn l-attur u l-intimata Anna Zioura tfarrket u sussegwentament l-intimata, telqet mid-dar matrimonjali u marret tabita x’imkien ieħor ġewwa Ħal Balzan flimkien ma’ bintha l-minuri Natalia Sarafi.

39. Jirriżulta illi b’hekk l-attur u l-intimata kienu separati *de facto*.

40. Jirriżulta wkoll illi sussegwentement, sajf minnhom, l-attur mar btala flimkien ma’ bintu Natalia Sarafi ġewwa l-Greċja.

41. Jirriżulta illi mar-ritorn tagħhom f’Malta, l-minuri Natalia Sarafi ma marritx lura għand l-intimata Anna Zioura, u baqgħet tgħix mal-attur ġewwa d-dar matrimonjali.

42. Jirriżulta illi, sussegwentement, l-intimata Anna Zioura intavolat rikors datat 8 ta’ Mejju 2019 fl-atti tal-medjazzjoni numru 44/2019 fejn talbet sabiex l-attur jirritorna lil binthom fil-kura u kustodja tal-omm, tordna illi l-kura u kustodja tiġi assenjata lilha u

li t-tifla minuri tirrisjedi magħha, sabiex il-Qorti (ossia l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tistabbilixxi ġranet u ħinijiet fejn l-attur ikollu aċċess għal minuri kif ukoll sabiex il-Qorti tappunta terapista jew psikologu tat-tfal sabiex isegwi lil minuri Natalia Sarafi.

43. Jirriżulta illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Jacqueline Padovani Grima, permezz ta' digriet datat 24 ta' Settembru 2019 iddeċidiet illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Natalia Sarafi għandha tkun konġunta bejn iż-żewġ ġenituri, illi r-residenza primarja tal-minuri għandha tkun mal-omm l-intimata Anna Zioura, stabbilixxiet id-dritt ta' viżitazzjoni tal-attur versu bintu u appuntat lill-Aġenzija Appoġġ sabiex jinnomina ħaddiem soċjali sabiex issir assessjar u rapport fuq is-sigurta' u l-benessere tal-minuri Natalia Sarafi.

44. Jirriżulta illi sussegwentament l-intimata Anna Zioura fil-25 ta' Ottubru 2019 intavolat kawża ta' separazzjoni bin-numru 244/2019, liema kawża ġiet assenjata lill-Onorevoli Imħallef Jacqueline Padovani Grima.

45. Jirriżulta wkoll illi l-attur intavola rikors datat 17 ta' Frar 2020 fl-atti tal-kawża ta' separazzjoni numru 244/2019 fejn talab ir-rikuża tal-Imħallef ai termini tal-Artikolu 734 (d)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

46. Jirriżulta illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2020 ċaħdet it-talba għar-rikuża.

47. Jirriżulta wkoll illi l-attur ilmenta illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) naqset milli tiżvela u tagħmel disponibbli għall-attur ir-rapport redatt mill-ħaddiem soċjali tal-Aġenzija Appoġġ, liema rapport kien ġie ppreżentat fis-7 ta' Jannar 2020, iżda dana baqa' ma ġiex ippubblikat.

48. Jirriżulta illi l-attur intavola kawża ta' separazzjoni, dakinhar stess illi l-intimata Anna Zioura, kienet intavolat il-kawża ta' separazzjoni tagħha, ossia fil-25 ta' Ottubru 2019.

49. Jirriżulta illi l-kawża ta' separazzjoni intavolata mill-attur ġiet assenjata lill-Onorevoli Imħallef Abigail Lofaro, liema kawża ġġib in-numru 245/2019.

50. Jirriżulta illi l-attur intavola rikors datat 6 ta' Mejju 2020 fl-atti tal-kawża numru 245/2019 fejn talab l-allegazzjoni ma' dawn il-proċeduri ta' kwalunkwe rapport magħmula mill-Aġenzija Appoġġ u ppreżentati fil-kawża numru 244/2019, illi dawn ir-rapporti jkunu disponibbli għall-partijiet u għall-avukati tagħhom, illi jiġi appuntata Avukat tat-Tfal sabiex jisma' lill-minuri Natalia Sarafi, illi r-rapport redatt mill-Avukat tat-Tfal għandu jkun disponibbli għall-partijiet u għall-avukat tagħhom u li l-Qorti, wara li tieħu konjizzjoni ta' dawn ir-rapporti tiddiparixxi mid-digriet mogħti fl-24 ta' Settembru 2019 u tiċħad it-talbiet kontenuti fir-rikors tal-intimata tat-8 ta' Mejju 2019 u tordna illi r-residenza primarja tal-minuri Natalia Sarafi tkun mal-attur u li lill-intimat tingħata dritt ta' viżitazzjoni.

51. Jirriżulta illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Abigail Lofaro permezz ta' digriet datat 29 ta' Mejju 2020 provdiet kif ġej:

> *"The Court, having seen the application and the reply, abstains from deciding those pleas until it is finally established who is to hear the two court cases in question".*

52. Jirriżulta illi l-attur qiegħed permezz tal-azzjoni odjerna jilmenta illi d-drittijiet tiegħu skond is-segwenti artikoli ġew lilu leżi:

    a. l-Artikolu 1, 3,6, 8, 13, 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319,
    b. l-Artikolu 36, 39(2), 32(ċ), 45(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,
    c. l-Artikolu 4, 47, 9, 21(1) 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
    d. l-Artikolu 7, 14 17, 23, 2(3), 26, 24 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u
    e. l-Artikolu 2,3,5,6 (2), 8(1), 9(1) (2), 12(1), 12(2), 16 u 18 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

**Ikkunsidrat**

53. Jirriżulta mill-premessi u mill-provi prodotti illi r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti diversi talbiet fosthom talbiet għall-miżuri provviżorji li *pendente lite* l-kura u l-kustodja tal-minuri Natalia Sarafis għandha tiġi vestita lill-attur jew li r-residenza ordinarja tal-attur tiġi dikjarata bħala r-residenza provviżorja tal-minuri u li għalhekk ir-rikorrent jassumi l-*patria potesta* fuq bintu, kif ukoll il-miżura provviżorja illi l-Avukat tat-Tfal jiġi appuntat. Illi l-attur fit-talbiet tiegħu qiegħed jitlob il-Qorti tiddikjara l-ksur tal-Artikolu 1, 3, 6, 8, 13, 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319, l-Artikolu 36, 39(2), 32(ċ), 45(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 4, 47, 9, 21(1), 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 7, 14, 17, 23, 2(3), 26, 24 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Artikolu 2, 3, 5, 6(2), 8(1), 9(2), 12(1), 12(2), 16 u 18 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Kif ukoll illi tagħti rimedju tramite kumpens pekunjarju adegwat wara li tillikwida kull u kwalunkwe danni sofferti mir-rikorrenti u/jew bintu minuri bħala riżultat tal-vjolazzjoni jew vjolazzjonijiet attribwibbli lill-intimata jew intimati u tannulla u tneħħi mill-atti tal-proċeduri t-tlett digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datati 24 ta' Settembru 2019, 29 ta' Mejju 2020 u 16 ta' Lulju 2020 u fl-aħħar tordna s-surrogazzjoni pronta ta' Imħallef ieħor li mhux l-Imħallef li ppresjedi l-kawża numru 244/2019JPG u 245/2019AL sabiex tassumi l-atti tal-proċeduri u sabiex tieħu deċiżjoni u/jew toħroġ kwalunkwe digrieti u finalment jiddisponi/tiddisponi mill-proċeduri paralellari billi tgħaqqad il-kawżi u tirrijintegra l-kawżi u/jew il-proċeduri u/jew l-atti tal-proċeduri fl-istatus quo ante s-sitwazzjoni prevalenti nhar it-23 ta' Settembru 2019 jiġifieri qabel mal-ewwel digriet kontestat dak datat 24 ta' Settembru 2019 ġie maħruġ.

54. Jirriżulta illi l-intimat Avukat tal-Istat u l-intimat Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza ressqu numru ta' eċċezzjonijiet fejn huma oġġezzjonaw għat-talbiet kif magħmula mir-rikorrenti, fejn prinċipalment eċċepew illi l-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza mhux il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, illi dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ir-rikorrent għandu rimedju ordinarju li jista' jutilizza qabel ma fetaħ proċeduri bħal dawn u qabel ma jsemmi kull tip ta' ksur possibli tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto peress li huma nfondati bil-fatt u fid-dritt għaliex ma jeżisti l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali, illi mhux il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li ssir qorti ta' reviżjoni għal digrieti jew deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji li jmorru oltre d-disposizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, illi l-Artikolu 47 tal-Kodiċi Ċivili jagħti s-

setgħa lill-Qorti tal-Familja li tagħti dawk l-ordnijiet dwar min jieħu ħsieb it-tfal kif jidrilha xieraq, illi l-Qorti fl-ebda mument ma waqqfet lir-rikorrent milli jippreżenta kwalunkwe rikorsi, noti u risposti u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jilmenta lid-dritt ta' smigħ xieraq ġie mittiefes, illi sabiex ir-rikorrent jallega li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu ai termini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni irid jiġi ppruvat ukoll li saret diskriminazzjoni fuq bażi *like with like* u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju, illi jinkombi fuq ir-rikorrent jipprova b'liema mod u manjera qed jiġi soġġett għal tortura u trattament jew kastigi inumani, b'liema mod l-obbligazzjonijiet pożittivi tal-Istat qed jiġi vvjolati għad-detriment tar-rikorrent u b'liema mod id-dritt tar-rikorrent ta' protezzjoni għar-rispett għall-ħajja familjari qed jiġi mittiefes, illi l-fatti tal-każ ma jikkwalifikawx għal ħruġ ta' miżura provviżorja.

55. Jirriżulta illi l-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ressaq numru ta' eċċezzjonijiet fejn huwa oġġezzjona għat-talbiet kif magħmula mir-rikorrenti, fejn prinċipalment eċċepixxa illi mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, illi jiġi rilevat illi r-rikorrenti b'ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali għal xi nuqqas tal-amministrazzjoni tal-Qrati, illi jidher lir-rikorrent qed jattribwixxi l-ilmenti tiegħu għal ġudikant li kienet qed tippresjedi il-proċeduri fil-Qorti tal-Familja u għal dan l-allegat nuqqas żgur ma jistax iwieġeb jew tenut responsabbli r-Reġistratur, illi ċertament r-Reġistratur ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u li l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-eżekuttiv u ma taqa' taħt l-ebda dipartiment governattiv u għalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat Reġistratur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

56. Jirriżulta illi l-intimata Anna Zioura ressqet numru ta' eċċezzjonijiet fejn hija oġġezzjonat għat-talbiet kif magħmula mir-rikorrenti, fejn prinċipalment eċċepiet illi mhijiex il-leġittimu kontradittur, illi t-talbiet tar-rikorrent mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt, illi r-rikorrent qiegħed jabbuża minn dawn il-proċeduri straordinarji u juża l-istess bħala forma ta' appell minn diversi digrieti li ngħataw mill-Qorti tal-Familja li kienet proprju hu li kellha l-opportunita' tevalwa l-komportament u l-aġir tal-partijiet u għexet l-iter tal-proċess tal-medjazzjoni u sussegwentament tar-rikors ġuramentat, illi r-rikorrent lanqas qed ikun sinċier fid-dikjarazzjonijiet tal-fatti li ssottometta quddiem din l-Onorabbli Qorti u fil-fatt għażel li ma jagħtix id-dettalji kollha pertinenti għall-każ odjern u l-maġġor parti tal-fatti mhumiex għal kollox veritieri u uħud minnhom addirittura fabbrikazzjoni assoluta tar-rikorrent. Illi in oltre l-intimata tagħti l-eċċezzjonijiet tagħha għala ma hemmx u ma seħħewx il-vjolazzjonijiet allegati mir-rikorrent ossia l-vjolazzjoni tal-Artikolu 3, 6, 8 tal-Konvenzjoni kif ukoll għala t-talbiet relatati mal-miżuri provviżorji m'għandhomx jiġu akkolti.

**L-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta tal-intimati huwa illi l-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza mhuwiex il-leġittimu kontradittur**

57. L-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta tal-intimati Avukat tal-Istat u Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza hija li l-Ministru mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u b'hekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

58. Il-Qorti hawnhekk tqis illi huwa opportun illi ssir referenza għas-sentenza parzjali mogħtija fl-ismijiet ***Stephen Spiteri vs Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-***

***Governanza***[56] fejn l-aġir lamentat kien jolqot kemm l-operat tal-Ġudikatura kif ukoll tal-Amministrazzjoni tal-Qorti minħabba l-fatt li kien hemm ilment dwar il-mod kif il-Marixxall tal-Qorti eżegwixxa n-notifika. Il-Qorti qalet is-segwenti:

*"Dwar il-prova illi trid issir sabiex ikun determinat min huwa l-leġittimu kontradittur f`azzjoni ġudizzjarja (inkluża dik kostituzzjonali) il-qorti tirreferi għas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-19 ta` Lulju 2019 fil-kawża fl-ismijiet Dr Frank Portelli v. Dr Josella Farrugia et noe fejn ingħad :*

*Illi l-Qorti tqis li, qabel xejn, biex tirnexxi d-difiża li l-parti mħarrka f`kawża mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-parti attriċi, jeħtieġ li jintwera li ma jkunx hemm rapport ġuridiku bejn il-partijiet, kemm jekk dan ikun wieħed mibni fuq rabta kuntrattwali jew mod ieħor. Għalkemm dan jista` jidher li jitlob mill-eċċipjenti l-prova ta` fatt negattiv, mhuwiex il-każ għaliex in-nuqqas ta` rabta ġuridika tal-parti mħarrka tista` tintwera bi provi (kemm orali u kif ukoll dokumentali) li juru s-swaba` lejn ħaddieħor li ma jkunx il-parti li teċepixxi li mhix il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Imbagħad, jaqa` fuq il-parti attriċi li tiġġustifika għaliex, minkejja dawk il-provi, xorta waħda l-parti eċċipjenti jmissha titqies bħala l-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni;"*

*Bl-eċċezzjoni tagħhom, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u l-Avukat tal-Istat jgħidu illi ma hemmx raġuni għaliex kellu jkun imħarrek il-Ministru abbażi tal-Art 181B tal-Kap 12.*

*Ikompli jingħad ukoll illi l-Avukat tal-Istat kellu jiġi mħarrek sabiex iwieġeb safejn l-ilment jolqot ksur tal-jeddijiet fondamentali waqt illi d-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali kellu jiġi msejjaħ sabiex iwieġeb għal dik il-parti tal-ilment li tolqot l-aġir tal-uffiċjali eżekuttivi tal-qorti hekk kif stabbilit bl-Art 520 tal-Kap 9 li jagħmel referenza għall-Artikolu 57 tal-Kap 12.*

*Il-kwistjoni tar-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern hija regolata bl-Art 181B tal-Kap 12 li kien introdott bl-Att XXIV tal-1995. Id-disposizzjoni titkellem dwar ir-rappreżentanza tal-Gvern u ma tagħmel l-ebda distinzjoni dwar il-natura tal-proċedimenti ġudizzjarji ċivili u ċioe` ikunux ordinarji jew kostituzzjonali/konvenzjonali. Hemm jinsab provdut espressament fis-subartikoluż (1) li, bħala regola ġenerali, illi "l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni". Imbagħad fis-subartikolu (2) jingħad illi l-Avukat tal-Istat (qabel l-Avukat Ġenerali) jidher in rappreżentanza tal-Gvern fil-każ ta` dawk "l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern".*

*Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 181B (1) huwa ċar u ħieles minn ambigwita`.*

*Fis-sentenza li tat fit-12 ta` Frar 2016 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Grech et v. Awtorita` tad-Djar, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-*

[56] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-18 ta' Marzu 2021- Rikors Numru: 64/2020

*"… il-konvenut huwa l-Gvern ta` Malta u, jekk għandu jingħata rimedju mill-Gvern ta` Malta, kull ma hu meħtieġ hu illi l-gvern ikun rappreżentat fil-kawża. Il-kwistjoni għalhekk ma hijiex jekk għandux ikun imħarrek l-Avukat Ġenerali jew l-Awtorita` tad-Djar, iżda min għandu jidher f`isem il-Gvern ta` Malta. Dwar dan, il-liġi, fl-art. 181 B tal-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija ċara: f`isem il-Gvern ta` Malta jidher il-"kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"; jidher l-Avukat Ġenerali f`isem il-Gvern ta` Malta biss "f`dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

*Fil-kawża fl-ismijiet H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Ġenerali et li kienet deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Settembru 2011, l-intimati Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Korporazzjoni Enemalta eċċepew illi mhumiex leġittimi kontraditturi u għaliex kemm mil-liġi u kif ukoll mill-ġurisprudenza kien jirriżulta li l-Avukat Ġenerali kellu jkun imsejjaħ sabiex iwieġeb dwar allegat ksur ta` drittijiet fondamentali. Fis-sentenza tagħha l-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :*

*"Il-kwistjoni ta` rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern hija regolata bl-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta li ġie introdott bl-Att XXIV tal-1995. Dan l-artikolu, filwaqt li jitkellem dwar ir-rappreżentanza tal-Gvern, ma jagħmel ebda distinzjoni bejn proċeduri normali u dawk ta` natura kostituzzjonali. Hemm jinsab provdut espressament li, bħala regola ġenerali "Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Din ir-regola iżda ma tapplikax f`kawżi għall-ġbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern, kwistjonijiet dwar impieg mal-Gvern u dwar kuntratti ta` provvista jew appalt li jeħtieġu l-preżenza tal-Accountant General, tas-Segretarju Amministrattiv, jew id-Direttur tal-Kuntratti rispettivament.*

*B`dan kollu nsibu li s-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistabilixxi d-dritt ta` rappreżentanza tal-Gvern fl-Avukat Ġenerali limitatament għal dawk "l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

*Minkejja dak li jingħad fl-Art 181B(2), diversi kienu l-istanzi fejn il-qrati rritenew illi l-Ministru responsabbli ukoll jista` jkun leġittimu kontradittur. Hekk ingħad minn din il-qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tas-7 ta` Jannar 2020 fil-kawża fl-ismijiet Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru Għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et. Kien rilevat illi :-*

*"Skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna rigward l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 181B, dan l-artikolu ma jfissirx illi awtomatikament il-Ministru responsabbli ma jista` qatt ikun il-leġittimu kontradittur f`azzjoni ġudizzjarja. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq et deċiża mill-Qorti tal-Appell intqal deċiża fis-6 ta` Frar 2015 illi:*

*"[q]ed jigi sottomess illi la darba l-awtoritajiet governattivi u dawk li jirregolaw il-komunikazzjoni huma parti fil-kawża, ma hux meħtieġ il-preżenza tal-Ministru konċernat. Din il-Qorti ma taqbilx ma` din is-sottomissjoni. L-avviż legali in kwistjoni nħareġ mill-imsemmi Ministru, u huma it-termini ta` dak l-avviż legali innifsu li qed jiġu attakkati b`din il-proċedura, u mhux il-ħdim tal-istess avviż legali. L-awtoritajiet l-oħra jista` jkollhom interess peress illi huma implimentaw il-liġi, pero`, xorta waħda hemm bżonn li l-gvern ikun fil-kawża, l-aktar meta tqis illi huwa l-gvern li intrabat bit-trattat tal-Unjoni Ewropea li jara li l-liġijiet li jippromulga jkunu konformi mad-direttivi u r-regolamenti tal-istess Unjoni."*

*Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet George Falzon vs Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et din il-Qorti diversament presjeduta kienet tal-opinjoni illi l-Ministru konċernat kien il-leġittimu kontradittur nonostante dak provdut fl-Artikolu 181B għaliex:*

*"...minn qari tal-liġijiet in kwistjoni speċjalment il-Kap 437 u ċioé l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji li r-responsabbità dwar l-istess servizzi jirrisjedi sia fid-Direttur u sia fil-Ministru. Fil-fatt l-artikolu 48 tal-Kap. 437 jipprovdi li d-Direttur għandu, inter alia, ikun il-konsulent ewlieni tal-Gvern dwar kull ħaġa li għandha x`taqsam mas-saħħa pubblika tal-annimali jew dik veterinarja jew li jkollha x`taqsam, jew tkun konnessa mas-servizzi veterinarji tas-saħħa u għandu jirraporta perjodikament lill-Ministru. Ma' dan jingħad ukoll li l-Ministru bis-saħħa tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att tal-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ħareġ ir-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta` Saħħa li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta` Laħam ta` Tjur Frisk liema regolamenti ġew invokati meta l-attivita` tal-attur ġiet sospiża fis-sena 2004 (u ċioé wara li kienet infetħet din il-kawża)."*

*Fuq l-istess linja ta` ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Prim' Imħallef Emeritus Dr. Joseph Said Pullicino fil-kwalità tiegħu ta` Ombudsman Parlamentari vs Il-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali et deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta` Ottubru 2015 ġie rrilevat illi:*

*"[f]il-fehma tal-Qorti l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali ġie mħarrek korrettament u huwa l-leġittimu kontradittur f`dawn il-proċeduri peress li mill-atti tal-kawża jirriżulta b`mod ċar li kien taħt id-direzzjoni tal-istess Ministru u fuq struzzjonijiet maħruġin minnu li ttieħdet id-deċiżjoni li l-Ministeru tiegħu ..."*

*F`dan il-każ jirriżulta mix-xhieda ta` Oliver Magro illi d-deċiżjoni finali rigward il-pjan lokali u l-flood relief system kienet f`idejn il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Għalhekk, u fid-dawl tal-ġurisprudenza appena ċitata, il-Qorti hija tal-fehma li l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali ġie mħarrek korettament f`dawn il-proċeduri, għaliex jekk id-deċiżjoni li minnha qed isir ilment kienet 23 tal-Ministru, għandu jkun il-Ministru li jirrispondi għad-deċiżjoni tiegħu f`din il-kawża."*

*Il-ġurisprudenza tislet distinzjoni netta bejn dawk il-każijiet fejn il-Ministru kkonċernat ikun leġittmu kontradittur u dawk fejn ma jkunx. Il-punt determinant huwa jekk il-Ministru ikunx involut fl-aġir lamentat. Jekk ma jkollux involviment allura ma hemmx raġuni għaliex għandu jwieġeb bħala konvenut fil-kawża.*

*Din kienet il-linja tal-ħsieb traċċjata fil-kawża fl-ismijiet Jimmy Magro et v. Il-Prim Ministru ta` Malta et li kienet deċiża minn din il-qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Ottubru 2020 u li minnha ma kienx hemm appell.*

*Ingħad hekk :-*

*"Illi l-Qorti tqis li l-kwistjoni ta` min għandu jwieġeb għal xilja ta` ksur ta` jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta` rimedju li jista` jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-realtà u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta` persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradItturi f`azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li jikser id-dritt fundamentali ta` persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta` xi ħadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f`kawża meta kwestjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta` xi kawża f`qorti. Ma` dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni, l-iżjed fejn il-kwestjoni mistħarrġa fl-ilment tkun tolqot fil-laħam il-ħaj xi jedd jew l-interessi tagħhom u biex ikun hemm integrità tal-ġudizzju;*

*Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrent f`din il-kawża, wieħed isib li dawn kollha jirrigwardaw il-fatt li l-Kummissjoni kienet qiegħda tistħarreġ ilment magħmul dwaru u t-tfassil tar-rapport li bagħtet lill-Ministru intimat. Fi kliem ieħor, l-ilmenti tar-rikorrent jintrabtu kollha mal-fatt tal-proċediment quddiem il-Kummissjoni. Għalhekk, bi tħaddim ta` dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għall-ilment tiegħu la għandhom iwieġbu l-intimat Prim Ministru u lanqas l-intimat Avukat tal-Istat. Fir-rigward tal-ewwel, ma ntwera bl-ebda mod li dan kien wettaq jew ordna li titwettaq xi ħaġa li dwarha jilminta ir-rikorrent; fil-każ tat-tieni, lanqas ma ntwera li l-Avukat tal-Istat iddaħħal jew indaħal fl-għoti ta` xi parir jew fl-użu ta` xi diskrezzjoni dipartimentali li dwarha r-rikorrent jgħid li ġarrab xi ksur tal-jeddijiet tiegħu. Lanqas ma huwa mistenni li dawn iż-żewġ intimati jagħtu lir-rikorrent xi rimedju minnu mitlub f`każ li l-Qorti ssib li l-ilment tiegħu huwa mistħoqq;*

*Illi jibqa` li wieħed jara jekk l-intimat Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jmissux jew le jibqa` fil-kawża. Mill-atti jirriżulta li l-Kummissjoni bagħtet lill-Ministru r-rapport bil-konklużjonijiet tagħha, kif titlob il-liġi. Ma jirriżultax li tul l-investigazzjoni mill-Kummissjoni, il-Ministru kien b`xi mod involut. Għaldaqstant, ladarba l-ilment tar-rikorrent jintrabat mal-mod ta`*

*kif imxiet il-Kummissjoni fl-istħarriġ tal-ilment li tressaq dwaru, il-Ministru intimat ma jidher li jista` jwieġeb għall-ebda għemil jew omissjoni min-naħa tiegħu, u għalhekk huwa wkoll għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;"*

*Eżaminati ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ilment tar-rikorrent, il-qorti ssib illi r-rikorrent ma jistax jattribwixxi dolo jew culpa lill-Ministru de proprio. Lanqas ma jista` jikseb kumpens mingħandu ladarba l-aġir lamentat jolqot direttament l-operat tal-Ġudikatura u dak tal-Amministrazzjoni tal-Qorti. Għall-fini tal-eċċezzjonijiet li qegħdin jiġu deċiżi llum, ma tressqu ebda provi li juru li l-Ministru (jew il-Ministeru) qatt indaħal fil-mod kif kellhom jitmexxew il-proċeduri ġudizzjarji jew inkella fil-proċess dwar kif kellha ssir in-notifika tal-atti. Bil-fatt waħdu illi r-rikorrent bagħat ittra lill-Ministru bl-ilment tiegħu u l-fatt li ma kienx hemm risposta għall-ittra bl-ebda ma jfisser jew jimplika li l-Ministru kien responsabbli għal xi ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent".*

59. Applikat tali tagħlim għall-kawża odjerna, il-Qorti tosserva illi l-ilment fil-kawża odjerna huwa ċċentrat fuq l-operat tal-Ġudikatura stante illi r-rikorrent jilmenta prinċipalment dwar it-tlett digrieti mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Għaldaqstant, il-Qorti tqis, illi fl-ottika tas-sentenza hawn fuq imsemmija, l-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza ma kellu ebda involviment fil-każ in deżamina. Dan ifisser, għalhekk, illi ma għandux iwieġeb bħala konvenut fil-kawża.

60. B'hekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza u tiddikjara illi l-Ministru ċċitat mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**L-eċċezzjoni preliminari mressqa fir-risposta tal-intimat <u>Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali</u> illi r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali mhuwiex il-leġittimu kontradittur.**

61. Fir-risposta tiegħu r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali jeċċepixxi illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandu jkun liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

62. Kif ingħad aktar 'il fuq, l-aġir lamentat mill-attur jikkonċerna biss l-operat tal-Ġudikatura u ma hemm ebda ilment rivolt lejn l-operat tal-amministrazzjoni tal-Qorti.

63. Kif intqal fis-sentenza ***Roy Joseph Cremona Vs L-Avukat tal-Istat u Ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali***[57], il-Qorti tenniet kif ġej:

*"Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li f'dan l-intimat għandu raġun f'din il-linja difenzjonali. Il-Qorti ma tħossx li għandha tiddelunga fit-tul fir-rigward u tagħmel ampja referenza għal ġurisprdenza ċċitata fir-risposta ta' dan l-intimat supra. Kif ġie ripetutament miżmum ir-Reġistratur tal-Qrati ma jista' qatt jinżamm responsabbli għal deċiżjonijiet tal-Ġudikatura, ġia għax għar-raġunijiet tant ovvji huma indipendenti minnu u din sew fl-ambitu tas-Saltna tad-Dritt".*

[57] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Settembru 2024-Rikors Numru: 306/2023

64. Il-Qorti tosserva illi ġjaladarba l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem lamentat mill-attur huwa relattiv għall-operat tal-Qorti u ġjaladarba l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-eżekuttiv, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, li huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Qorti, ma jista' qatt jitqies bħala leġittimu kontradittur.

65. B'hekk il-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni hija meritata u għaldaqstant tiddikjara illi r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali mhuwiex il-leġittimu kontradittur u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

**L-eċċezzjoni preliminari mressqa fir-risposta tal-intimata <u>Anna Zioura</u> illi l-intimata ma hijiex il-leġittimu kontradittur**

66. L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimata Anna Zioura hija relatata mal-fatt illi hija qatt ma tista' tinstab responsabbli għal-leżjoni tad-dritt tar-rikorrent. B'hekk ma għandiex titqies bħala l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

67. Illi l-Qorti tirrileva illi din il-materja ġiet ta' spiss dibattuta quddiem il-Qrati tagħna u b'hekk hemm ġurisprudenza ampja in materja. Illi l-Qrati tagħna f'diversi kawżi esprimew ruħhom fuq il-leġittimita' passiva taċ-ċittadini privati meta jkunu ċċitati f'kawżi ta' natura kostituzzjonali bħalma hi l-kawża in deżamina.

68. Illi referenza ser ssir għall-kawża fl-ismijiet ***Raymond u Geraldine konjuġi Cassar Torreggiani v. Avukat Ġenerali u John u Christine konjuġi Tabone***[58] fejn il-Qorti Kostituzzjonali tenniet illi:

> *"biex ġudizzju jkun integru jeħtieġ li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawża. B'hekk tiġi assigurata kemm jista' jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta' ripetizzjoni ta' proċeduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawżi billi dawn ma jkunux ħadu parti f'ġudizzju wieħed. Il-ġudizzju jibqa' integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti".*

69. Illi f'kawża oħra mogħtija fl-10 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet ***Joseph Baldacchino vs L-Avukat tal-Istat u Marcel Scicluna***[59], il-Qorti tispjega illi:

> *"L-intimat Scicluna eċċepixxa li ma kiser l-ebda dritt fundamentali u għalhekk ma jistax ikun leġittimu kuntradittur. Din l-eċċezzjoni titqajjem ta' sikwit f'kawża kostituzzjonali. B'danakollu, huwa xorta waħda huwa leġittimu kontradittur. Dan peress illi llum il-ġurnata l-leġittimu kontradittur f'kawża "kostituzzjonali" mhux ristrett għal dak li allegatament ikun ikkommetta ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem. Jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali, prinċipalment:*

[58] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013- Rikors Numru: 1/2012/1
[59] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 2022- Rikors Numru: 185/2020

*(a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna.*

*(b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq)għan-nuqqasijiet jew l-għemejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd.*

*(ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwistjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti.*

*(d) ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, fi żmien iktar riċenti, bdew jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwistjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet li "dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqiesu illi jeskludu kategoriji oħra".*

70. Fil-każ odjern, il-Qorti tosserva illi l-lanjanzi tal-attur jirrelataw ma' proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), liema proċeduri ġew intavolati minn jew ġew imressqa kontra l-intimata Anna Zioura. Għalhekk, ċertament il-preżenza tal-intimata Anna Zioura fil-proċeduri konvenzjonali mressqa mill-attur, hija preżenza neċessarja għall-integrita' tal-ġudizzju. Dan għaliex huwa ċar u manifest illi l-intimata għandha titqies bħala parti interessata u l-vertenza tal-azzjoni rikorrenti hija waħda li taffettwa direttament lilha.

71. Wieħed ma jistax jinjora l-fatt illi hemm numru ta' talbiet fir-rikors promutur illi huma rivolti versu u li jaffettwaw il-proċeduri li hemm pendenti bejn l-attur u l-intimata quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Barra minn hekk, fir-rikors promutur tiegħu l-attur talab ukoll għall-miżuri provviżorji u pendenti s-smigħ tal-kawża odjerna l-Qorti ġiet mgħajjta sabiex tiddeċiedi u tipprovdi dwar il-miżura provviżorja relattiva għall-ħatra tal-Avukat tat-Tfal. Għaldaqstant, huwa ċar u ovvju l-interess tal-intimata u konsegwentament il-bżonn illi hija tkun imħarrka fil-proċeduri odjerni sabiex il-ġudizzju ikun integru.

72. B'hekk il-Qorti tqis illi din l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimata Anna Zioura m'għandhiex tiġi akkolta.

**Ikkunsidrat**

73. Ikkunsidrati tali eċċezzjonijiet preliminari, il-Qorti tqis illi qabel ma' din il-Qorti tidħol fil-meritu tal-kawża, jkun opportun illi tikkunsidra l-varji ksur ilmentati mir-rikorrenti taħt varji atti leġislattivi u Konvenzjonijiet.

**Referenza tal-attur għall-<u>Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea</u>, għall-<u>Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi</u> u għall-<u>Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal</u>**

74. Kif gia osservat, mill-qari tal-premessi u tar-rikors promutur, l-attur jallega l-ksur ta' numru ta' artikoli tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi kif ukoll tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

75. Il-Qorti ser tibda sabiex tistħarreġ l-applikabilita’ *o meno* ta’ dawn it-tlett strumenti legali u ser tibda l-analiżi tagħha billi tagħmel referenza għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

76. Referenza ser issir għad-dokument intitolat ***“Komunikazzjoni Tal-Kummissjoni-Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea***[60] fejn ġie osservat illi:

> *“Il-Karta hi indirizzata lill-Istati Membri biss "meta qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni" (lArtikolu 51(1)). Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali mill-Istati Membri meta qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni hu fl-interess komuni tal-Istati Membri kollha għax hu essenzjali għall-kunfidenza reċiproka meħtieġa għall-funzjonament tal-Unjoni. Dan il-prinċipju hu partikolarment importanti minħabba l-espansjoni tal-acquis tal-UE fejn id-drittijiet fundamentali huma speċjalment relevanti, bħal per eżempju ż-żona tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, non-diskriminazzjoni, ċittadinanza tal-Unjoni, is-soċjetà informatika u l-ambjent”.*

77. Illi l-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi:

> *“1.Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.*
>
> *2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati”.*

78. Referenza ser issir għal bosta ġurisprudenza nostrana fejn ġiet trattata din il-kwistjoni tal-applikabilita’ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***John Spiteri vs Avukat tal-Istat***[61] il-Qorti qalet illi:

> *“F’Aranyosi u Căldăraru, il-Qorti saħqet fuq il-fatt li l-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-istati Membri jirrispettaw din il-Karta meta jimplimentaw id-Dritt Ewropew”.*

79. F’sentenza oħra mogħtija fl-ismijiet ***Salvatore Oliveri vs L-Avukat Ġenerali***[62]**,** il-Qorti spjegat illi:

> ***“****Dwar l-applikabbilita tal-Karta, il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-kawża “Robert Pfleger, Autoart*

[60] https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0573:FIN:MT:PDF
[61] Deċiża fis-7 ta’ Ottubru 2024- Rikors Numru: 502/2022/1
[62] Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-8 ta’ Ġunju 2015- Rikors Numru: 89/2013

*as, Mladen Vucicevic, Maroxx Software GmbH, Hans-Jo rg Zehetner vs Austria" li kienet deċiża fit-30 ta` April 2014, fejn qalet –*

*It should be recalled in this respect that the Charter`s field of application so far as concerns action of the Member States is defined in Article 51(1) of the Charter, according to which its provisions are addressed to the Member States only when they are implementing EU law (Case C 617/10 Åkerberg Fransson EU:C:2013:105, paragraph 17).*

*Fil-proċediment tal-lum, jirriżulta bl-aktar mod evidenti illi r-rikorrent mhuwiex qed jilmenta dwar xi direttiva jew trattat tal-UE iżda dwar liġi penali domestika.*

*Il-proċediment tal-lum ma jirrigwardax t-twettieq ta` liġi tal-UE.*

*Ghalhekk ir-riferenza tar-rikorrent għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ma tistax issib applikazzjoni fil-każ tal-lum".*

80. Għaldaqstant, huwa ċar u manifest illi l-applikabbilita' tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija biss meta jkun qed jiġi implimentat id-dritt tal-Unjoni - Li żgur li mhux il-każ illi għandha quddiemha din il-Qorti illum. B'hekk il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea mhijiex applikabbli fil-proċeduri in deżamina.

81. Ir-rikorrent jagħmel referenza ukoll għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi kif ukoll għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi għandha tagħmel referenza għall-Artikolu 3 tal-Kap 304 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:

*"3.(1) Meta trattat li tiegħu Malta ssir parti wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att ikun wieħed li jolqot jew ikollu x'jaqsam ma' –*

*(a) l-istatus ta' Malta fid-dritt internazzjonali jew it-tiżmim jew l-appoġġ għal dak l-istatus, jew*

*(b) is-sigurtà ta' Malta, is-sovranità, l-indipendenza, l-unità jew l-integrità territorjali tagħha, jew*

*(ċ) ir-relazzjonijiet ta' Malta ma' kull organizzazzjoni, aġenzija, assoċjazzjoni jew korp ieħor simili multinazzjonali,*

*dak it-trattat m'għandux jibda jseħħ dwar Malta kemm-il darba ma jkunx ġie ratifikat jew ir-ratifika tiegħu ma tkunx ġiet awtorizzata jew approvata skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.*

*(2) Trattat li għalih japplika s-subartikolu (1) għandu jiġi ratifikat jew ikollu r-ratifika tiegħu awtorizzata jew approvata kif ġej:*

*(a) meta dak it-trattat ikun dwar xi waħda mill-ħwejjeġ imsemmija fis-subartikolu (1)(a) jew (b) jew ikun fih xi disposizzjoni li għandha ssir, jew għandha tkun infurzata bħala, parti mil-liġi ta' Malta, b'Att tal-Parlament;*

*(b) f'kull każ ieħor, b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.*

*(3) Ebda disposizzjoni ta' trattat ma għandha ssir, jew ma għandha tiġi nfurzata bħala, parti mil-liġi ta' Malta ħlief b'Att jew taħt Att tal-Parlament".*

82. Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Adrian Marmara et vs L-Avukat Ġenerali et***[63], provdiet illi:

*"Peress illi jidher li hemm ċertu konfużjoni f'moħħ l-appellanti dwar il-pożizzjoni legali Maltija fejn si tratta tar-relazzjoni bejn trattati internazzjonali li tagħhom Malta hi parti u l-liġi domestika din il-Qorti trid tippuntwalizza li fis-sistema legali Malti sabiex id-dispożizzjonijiet ta' trattat li fih Malta tkun parti jkunu direttament applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-individwu dawn iridu fl-ewwel lok jiġu trasposti f'leġislazzjoni domestika permezz tal-istrumenti leġislattivi opportuni. Dan jirriżulta ċar mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati u in partikolari s-subartikolu (3) tal-istess artikolu li jipprovdi li: "Ebda disposizzjoni ta' trattat ma għandha ssir, jew ma għandha tiġi nfurzata, bħala parti mil-liġi ta' Malta ħlief b'Att jew taħt Att tal-Parlament."*

83. Għaldaqstant, il-Qorti tirrileva illi la l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u wisq anqas il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal ma ġew trasposti f'leġislazzjoni domestika, dak ifisser illi ma jistgħux jiġu invokati mir-rikorrent.

84. Illi b'hekk, u dan in linea ma' dak hawn fuq spjegat, kemm il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi w il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, lkoll kemm huma mhumiex applikabbli għall-proċeduri odjerni u għalhekk, kull referenza li saret għalihom da parti tal-attur ma hijiex ser tibqa' tiġi kkunsidrata.

**Meritu tal-każ**

85. Illi l-pern tal-kwistjoni mressqa mill-attur permezz tal-azzjoni odjerna hija msejsa fuq il-fatt illi, skont l-istess rikorrent, hu u bintu Natalia Sarafi jħossuhom aggravati repetutament mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

86. Fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega fuq xiex issejjes l-ilmenti tiegħu u jsostni illi:

*"After we came back with Natalia from Greece, on the 1 of May 2019, and given I still did not know where my spouse was living, and most importantly following our child's will, Natalia stayed with me in the matrimonial home, that my spouse had abandoned without any reason. Since then, Natalia did*

[63] Deċiża fis-16 ta' Diċembru 2013- Rikors Numru: 73/2010/1

*not want to sleep at her mother's place and I was trying hard event to convince her to see her mother. Natalia has, on many occassions, expressed to wish to live with me and I feel I have been divested of the possibility to prove this fact throughout the ongoing judicial proceedings before the Family Court.*

*Anna then proceeded by filing an application for separation and I followed as well and we had a session with the mediator. Of course I couldn't accept her terms as Natalia at that time wanted to live with me as I was the sole parent taking care of her since her birth.*

*Initially Judge Padovani Grima decreed that Natalia was to stay with me and ordered a visitation schedule for my spouse.*

*Because I think of myself as a good father, because I never cheated on my spouse, because I don't use drugs, and because I am not an alcoholic or a gambler or any other kind of criminal, my wife at this point invented her biggest lie, which proved to change the opinion of the presiding Judge.*

*After she had accused me that I was planning to abduct Natalia, after all her witnesses failed to devastate my image in front of Judge Padovani Grima, after she felt she could not influence Natalia, she invented the allegations that misled justice.*

*Elli Manoudaki appeared in court and made terrible allegations against me and mainly said that I had abused her. She testified vaguely and very reticently, without any evidence and, I feel was unduly protected by the Family Court when she was repeatedly asked about her history of drug abuse. All these are lies; I was like the only father to Elli Manoudaki.*

*...*

*All this led to the decree of the 24 September 2019. On this decree it is observed that I admitted that I applied cream to Elli Manoudaki. I never admitted this; I voluntarily disclosed this because I am an honest man. The court questioned how I saw the redness on Elli Manoudaki; obviously a nine-year old child, as happened in this case, can speak and ask for help. The court also questioned why I felt the need to apply the cream. I never felt the need to help Elli Manoudaki; I was entrusted to raise her by her own mother. Moreover, by law it is forbidden for children under 14 years old to apply any medication alone. Upon these considerations, the Court decided that Natalia is to live with my spouse for her best interest, making it quite clear to me that for the Court I was to be considered as a paedophile and Natalia, with me, was in danger. The Court in fact ordered a social workers involvement. The report of said social workers was released to me after almost one year, specifically it was made available to my lawyer on the 7 December 2020. This report had nothing negative about me and of course it didn't include any concerns about Natalia's safety. This decree devastated my and Natalia's life. The Family Court withheld reports compiled by Aġenzija Appoġġ for several*

*months, nearly an entire year; these were sealed in the records of the case and I had no access to them.*

*…*

*By decree dated 24 September 2019, the Family Court granted me restricted visitation rights. This decree was followed by my request (in the records of the sworn application number 244/2019JPG) for the abstention of the presiding judge. This application was rejected by means of a decree dated 16 July 2020.*

*As I have stated, parallel proceedings were filed by me before the Family Court at this same time when Anna Zioura filed her proceedings. When I filed for separation, I had not yet been notified of the proceedings filed by Anna Zioura. These proceedings bear applications number 245/2019AL. By means of an application filed on 6 May 2020, within the acts of these proceedings, I requested the Family Court to: (1) order the attachment of these proceedings of any reports prepared by Aġenzija Appogg and filed in the records of sworn application number 244/2019JPG in the names Anna Zioura v Vasileios Sarafis; (2) following access by this Honorable Court of the said reports, make any such report available to the parties' and to their respective counsel; (3) appoint a Child Advocate to interview the minor Natalia Sarafi and subsequently report to this Honorable Court the wishes of the said minor; (4) make any such report available to the parties' and to their respective counsel; and (5) subsequently, after having taken cognisance of the afore-stated reports depart from its decree dated 24 September 2019 and while rejecting the requests as contained in the application filed by Anna Zioura on the 8 May 2019, and sustaining the reply filed by current application 15 May 2019, orders that the minor Natalia Sarafi primary residence be with the current applicant with rights of visitation reserved to respondent as previously ordered by this Honourable Court. The Family Court here substantially failed to decree.*

*I feel to have been repeatedly wronged by the Family Court.*

*My daughter has also been denied a child advocate; it was only through this Court's decree in fact that a child advocate was appointed. Way back on 4 November 2019, by means of an application in the acts of sworn application number 245/2019AL I asked the Family Court to 'appoint a child advocate to interview the minor Natalia Sarafi and report to this Honourable Court the wishes of the said minor'. This was also requested to the Family Court diversely presided, in proceedings bearing reference number 244/2019JPG. Nothing ever came of these requests.*

*I feel it was the Family Court's failure to allow Natalia Sarafi to testify and to determine her wishes <u>at the appropriate time</u>[64]; this assumes fundamental importance especially when the findings of the social worker appointed by the Honourable Court were withheld from me.*

[64] Sottolinear tal-attur

*In so far as the allegations made by Anna Zioura's daughter Elli Manoudaki are concerned, besides considering circumstances which are totally extraneous to the proceedings, the family court reached its conclusion 'in the light of this'. The Family Court, I feel, punished me for this. The Family Court even failed to consider that allegedly, Elli Manoudaki first made this claim to her mother in 2016. It was only after two years that the Anna Zioura conveniently decided to believe her daughter's fabrication simply to create yet another fabrication in my respect.*

*Through my lawyer I repeatedly requested the disclosure of the report/s compiled vby the social worker of Aġenzija Appoġġ who was appointed by the Family Court for such purposes and subsequently submitted the report on the 7 January 2020 - the Family Court withheld the disclosure of this important report by an social worker of Aġenzija Appoġġ which was appointed by the Court itself by means of the 24 September 2019 decree for nearly a year".*

(fol 228-231).

87. Il-Qorti tqis illi għalhekk hija għandha tistħarreġ l-ilmenti kostituzzjonali mressqa mill-attur, kif ġia osservat aktar 'il fuq, dawk l-ilmenti magħmula ai termini tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Kostituzzjoni ta' Malta biss.

**L-Artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319.**

88. L-ewwel ilment imressaq mill-attur huwa bbażat fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319.

89. Il-Qorti tagħmel referenza għall-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tinnota illi l-Ewwel Skeda tibda bl-Artikolu 2 li jirreferi għad-dritt għall-ħajja.

90. Illi b'hekk stante illi ma jeżisti l-ebda Artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-tielet talba tal-attur.

**L-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319.**

91. Ilment ieħor imressaq mir-rikorrent huwa dak relatat mal-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema artikoli jipprojbixxu li persuna tkun assoġġettata għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.

92. Ir-rikorrent jibbaża dan l-ilment billi jsemmi li d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 24 ta' Settembru 2019 huwa bbażat fuq preżunzjoni u preokkupazzjonijiet dwar allegazzjonijiet għaliex skont l-istess attur il-Qorti injorat ix-xhieda ta' Giuseppe Cristaldi u warrbet fil-ġenb xi dokumenti, kif ukoll li l-Qorti għamlet il-konklużjoni tagħha a bażi tal-allegazzjonijet magħmula minn Elli Manoudaki.

93. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi għandha ssir referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Anthony Richard et vs Avukat tal-Istat in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta et***[65] fejn fuq l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, l-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Jibda biex jingħad li sabiex ikun hemm ksur ta' dan id-dritt fundamentali jrid ikun hemm element intenzjonali da parti tal-Istat jew l-Aġenti tiegħu li jassoġġettaw lill-individwu għal trattament inuman u degredanti (ara Hristozov and Others v. Bulgaria, 2012, § 111). Ċertament ma hux il-każ ta' tortura. It-trattament inuman u degredanti jrid ikun wieħed tanġibbli fis-sens li jiġi pprovat li ġiet kawżata ħsara fiżika jew uġiegħ intens fiżiku jew psikoloġiku. Min-naħa l-oħra trattament inuman irid ikun "such as to arouse in the victim feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them" (Ara Kudla -vs- Poland 2000)".*

94. Illi l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża ***Savran vs Denmark***[66] tipprovdi illi:

> *"121. It is the Court's settled case-law that Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of a democratic society. It prohibits in absolute terms torture and inhuman or degrading treatment or punishment and its guarantees apply irrespective of the reprehensible nature of the conduct of the person in question (see, among many other authorities, Aswat v. the United Kingdom, no. 17299/12, § 49, 16 April 2013).*
>
> *122. The prohibition under Article 3 of the Convention does not, however, relate to all instances of ill-treatment. Such treatment has to attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of that Article. The assessment of this minimum is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see N. v. the United Kingdom [GC], no. 26565/05, § 29, ECHR 2008; Paposhvili, cited above, § 174; and Bouyid v. Belgium [GC], no. 23380/09, § 86, ECHR 2015)".*

95. Illi kif inhu rikonoxxut mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex trattament jiġi kkunsidrat illi huwa degradanti jew inuman irid jilħaq *"a minimum level of severity"*. Illi in oltre, fil-kawża deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Wieser vs Austria***[67], il-Qorti stabbiliet illi:

> *"36. Treatment has been held by the Court to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical and mental suffering (see Labita v. Italy [GC], no. 26772/95, § 120, ECHR 2000-IV). Treatment has been considered "degrading" when it was such as to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance (see Hurtado v. Switzerland, Commission's report of 8 July 1993, Series A no. 280, p. 14, § 67), or when it was such as to drive the victim to act against his will or*

[65] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-11 ta' Lulju 2024-Rikors Numru: 733/2021
[66] Deċiża fis-7 ta' Diċembru 2021- Applikazzjoni Numru: 57467/2015
[67] Deċiża fit-22 ta' Mejju 2007- Applikazzjoni Numru: 2293/2003

> *conscience (see, for example, Denmark, Norway, Sweden and the Netherlands v. Greece ("the Greek case"), nos. 3321/67 et al., Commission's report of 5 November 1969, Yearbook 12, p. 186; Keenan v. the United Kingdom, no. 27229/95, § 110, ECHR 2001-III). Furthermore, in considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, one of the factors which the Court will take into account is the question whether its object was to humiliate and debase the person concerned, although the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see Raninen v. Finland, judgment of 16 December 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997- VIII, pp. 2821-22, § 55; Peers v. Greece, no. 28524/95, §§ 68 and 74, ECHR 2001-III; Price, cited above, § 24). In order for a punishment or treatment associated with it to be "inhuman" or "degrading", the suffering or humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (see Labita, cited above, § 120)".*

96. Illi fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, wara illi dina l-Qorti qieset il-fatti kollha tal-każ, hija tqis illi fil-kawża odjerna ma rriżulta bl-ebda mod illi l-aġir tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jikkostitwixxi trattament jew kastig inuman peress illi tali allegat aġir QATT ma seħħ, u għaldaqstant il-Qorti ssib illi ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

**L-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319.**

97. Ir-rikorrent jilmenta wkoll il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 kif ukoll tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni.

98. Illi l-ilment tal-attur illi kien hemm vjolazzjoni ta' smigħ xieraq quddiem Qorti indipendenti u imparzjali fi żmien raġonevoli huwa imsejjes fuq tlett punti:

   a. Il-fatt illi r-rapport/i ma ġiex żvelat
   b. In-nuqqas ta' imparzjalita' u
   c. Il-fatt li ma kienx hemm smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

*Il-fatt illi r-rapport/i ma ġiex żvelat*

99. Il-Qorti tirrileva illi fuq il-kwistjoni tar-rapport tal-ħaddiem soċjali tal-Aġenzija Appoġġ, waqt is-smigħ tal-kawża odjerna, din il-Qorti ordnat li l-kontenut ta' dan ir-rapport jiġi żvelat. Infatti fix-xhieda tal-attur mogħtija fis-27 ta' Settembru 2023 ġie rilevat is-segwenti:

> *"Dr Fiorella Fenech Vella :*
> *Now ... am I correct in stating that in view of paragraph 39 you now have access to the report by the social worker?*
>
> *The Court :*
> *Of the affidavit right ?*
>
> *Dr Fiorella Fenech Vella :*
> *Yes, always ... That you now have access to the report by the social worker ?*

*The Witness :*
*I had access but ... we received access very, very late because we we lost and ... and we fight ... we're fighting for this. And this is very crucial because Natalia was staying there.*

*Dr Keith Borg :*
*Ir-rapport tas-social worker għamel disgħa (9) xhur maqful ġo envelope waqt li ...*

*The Court :*
*Yes ... yes ... but would I be correct to say that now you it is ...*

*Dr Keith Borg :*
*Now, it's open ... now but after these procedures ...*

*The Court :*
*But I ordered it.*

*The Witness :*
*Yes, and thank you very much.*

*Dr Keith Borg :*
*It is Your Honour that ordered the disclosure of the report.*

*The Witness :*
*But if the report was given to us in after one month, it was crucial, not after one year Natalia residing there"*

(fol 383-383 et seq)

100. Għaldaqstant, il-Qorti tosserva illi ġjaladarba dan ir-rapport infetaħ u r-rikorrent ingħata aċċess għalih, anke jekk b'xi mod in-nuqqas ta' żvelar ta' dan ir-rapport jikkostitwixxi ksur taħt dan l-artikolu, l-attur, pendenti s-smigħ tal-kawża in deżamina diġa' ngħata rimedju.

101. In oltre, l-Qorti tqis ukoll illi l-attur żgur ma jistax jargumenta illi fir-rigward dan ir-rapport huwa kien żvantaġġat għaliex ma ngħatax aċċess għall-kontenut tiegħu. Dan għaliex għandu jiġi osservat illi la l-attur u wisq anqas l-intimata Anna Zioura ma kellhom aċċess għalih. Infatti, fuq l-*envelope* li fih hemm dan ir-rapport, hemm imniżżel: *"ingħatat kopja lil avv. difensuri data: 24/11/20"*. B'hekk iż-żewġ partijiet ingħataw l-istess trattament.

*Nuqqas ta' imparzjalita'*

102. L-attur isostni wkoll illi l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 kif ukoll l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ġew vjolati minħabba nuqqas ta' imparzjalita', liema nuqqas ta' imparzjalita' huwa jattribbwixxiha għall-fatt illi r-rapport tal-ħaddiem soċjali ma ġiex żvelat, għall-konklużjonijiet li wasslet għalihom il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-digriet tal-24 ta' Settembru 2019, għal mod ta' kif dik il-Qorti dderiġiet il-proċeduri

u għall-fatt illi l-Qorti permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2020 ċaħdet it-talba tar-rikorrent għar-rikuża.

103. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi fit-8 ta' Mejju 2019, l-intimata Anna Zioura intavolat rikors fl-atti tal-medjazzjoni sabiex il-minuri Natalia Sarafi titqiegħed fil-kura u kustodja tagħha. Illi sussegwentament il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Jacqueline Padovani Grima, appuntat dan ir-rikors għas-smigħ, semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, semgħet il-partijiet, rat ir-risposta intavolata mill-attur u fl-24 ta' Settembru 2019 tat id-digriet tagħha. Illi b'hekk jidher ċar li sabiex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) wasslet għad-deċiżjoni tagħha, hija semgħet il-partijiet u għarblet il-provi li ġew miġjuba quddiemha.

104. Illi fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta' Settembru 2023, l-attur jgħid illi:

*"Dr Fiorella Fenech Vella :*
*Now in paragraph 27, you mentioned that ... you say the following ... I have raised this girl with love. I was both a father and mother to her and if we were in Greece, I could have hundreds of witnesses to state this. Now, why didn't you prove your case here ? Why didn't you through video conference, provide these witnesses before the Family Court to prove your case ?*

*The Court :*
*Have you brought these witnesses ?*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*Have you brought them ?*

*The Witness :*
*I have brought my best friend here in Malta and my son to testify, and again I discussed it with my lawyer and ...*

*The Court :*
*And you stopped at that.*

*The Witness :*
*Yes.*

*The Court :*
*He's a right to do so, dottoressa.*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*Issa ... so in paragraph 28 you are saying ...*

*...*
*The Witness :*
*First of all ... I can ... I didn't know the process. Now recently I understood that the other witness can have a conference call like the Doctor ... I didn't know that I can bring someone.*

*...*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*Now, you are seeing here Elli Manoudaki and her mother failed to disclose to the Court that in November 2015 and so on and so forth ... Now, am I understanding correctly that ultimately Ellie Manoudaki and her mother ultimately are to blame for the Court's decree ? Because as you are saying here, they did not disclose the correct information to Court.*

*The Witness :*
*Of course. They lied. That's their allegation. It's an allegation, so it's not proven. Of course I don't want if ... I don't know if you want me to expand to explain. Emm ... supposedly my ex-wife knew that something was happening as they say from 2012 and we came here 2017 for a new life, how I was supposed to do this ? We went with emm ... she allowed us to go to travel alone to Brighton and Hoven in UK in 2015 and ...*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*When you say she allowed us are you speaking of ...*

*The Court :*
*You and your daughter ?*

*The Witness :*
*Yes.*

*Dr Keith Borg :*
*His step daughter.*

*The Court :*
*Step daughter.*

*The Witness :*
*Yes, for me it was like, yeah, I raised her for ten (10) years and unfortunately, this happened ...*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*And she never objected to you to travel ...*

*The Witness :*
*No, no, never objected…*
*…*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*But did you inform the Court about what you are stating here in paragraphs 27 and 28 … in the family court ?*

*The Witness :*
*Of course ... of course. The Family Court no … I think I omitted that … I forgot.*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*

*So you are saying that the Family Court had only one version of events before … before her ?*

*The Witness :*
*Not only … there … there was the lack of this event only. As I … I can recall … I didn't mention this incident at the Family Court.*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*And why didn't you mention it ?*

*The Witness :*
*I forgot it … I told you. It was … it was a very stressful for me emm … situation. After being, emm … faced all these allegations, I omitted …*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*So you confirmed that the Court only had Miss Zioura's version of events before her ?*

*The Witness :*
*No, I testified as well.*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*You testified and did you tell her about this ?*

*The Witness :*
*No … I told you again that I didn't say that … I forgot. And I … I … I added this at my latest …*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*So you did not rebutt the allegations against you ?*

*The Witness :*
*What ? Rebutt ?*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*Rebutt igifieri emm …*

*Dr Keith Borg :*
*Contradict. Contradict … did you contradict the allegations?*

*The Witness :*
*Of course. All of them, yes.*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*But you are saying here that you did not because you forgot.*

*The Witness :*
*No, no, no. I didn't say I forgot. I forgot to mention this trip in November 2015. That is what you asked me. I fully contradicted the allegations, OK … If I can understand correctly, you asked me about this incident that I went*

*with my … my daughter, then to Brighton in 2015. The time that my ex wife knew that something was happening, according to her …*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*This is paragraph 28. Yeah. And then paragraph 27, you are saying how much you helped your step daughter and you … you were always by her side.*

*Witness :*
*Of course. Yes.*

*…*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*No. I was asking you whether you informed the Court about what you are saying here in paragraph 27 and 28 ?*

*The Witness :*
*Of course.*

*Dr Fiorella Fenech Vella :*
*The Brighton incident you said you forgot ?*

*The Witness :*
*This incident about the UK. I forgot. OK, the … how I raised my … my step daughter at that time in the last ten (10) years …"*

(fol 375 et seq -378)

105. In oltre, il-Qorti ma tistax ma' tosservax illi, fid-digriet tagħha tal-24 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) innutat is-segwenti:

*"The Court has seen that from the records of the case it appears that both parties strive to do their best for their child. They are both actively involved in her care and upbringing and they both desire to spend quality time with her"* (fol 60).

Illi barra minn hekk, avolja fir-rikors tagħha l-intimata talbet lill-Qorti illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun esklussivament għandha, il-Qorti fl-imsemmi digriet ttenni illi:

*"In the light of the above the Court considers that there appears to be no reasonable justification for the child's care and custody to be entrused solely in the Applicant's hands pendente lite"* (fol 61).

106. Apparti minn hekk, fid-digriet tagħha, l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tipprovdi ukoll illi:

*"The Court is however concerned about allegations made by Applicant's older daughter Elli against Respondent. The Court notes that in his testimony Applicant admitted to touching her genital organs when she was nine years*

*of age, explaining that he had applied cream because there had been redness in the area. The Court can draw no comfort from this explanation"* (fol 61).

Imbagħad il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi r-raġunijiet. Madanakollu, l-istess Qorti tipprovdi illi :

*"With regards to access, the Court notes that no allegations have been made of impropriety with regards to Natalia. The Court therefore considers it would be more prudent to allow Respondent access to the child, and this in light of the principle that a child should only be separated from his or her parent as a last resort, when this is absolutely necessary to safeguards the child's wellbeing"* (fol 62)

u l-Qorti tgħaddi sabiex tiffissa l-aċċess tal-attur.

107. Din il-Qorti ser tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet ***Dr Martin Schranz vs Dr Corinne Wood et***[68] fejn il-Qorti tenniet illi:

*"Issa l-Qorti tqis illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa intiż sabiex jiggarantixxi smigħ xieraq lil kull parti f'kawża ċivili (f'dan il-każ). Il-Qorti hawnhekk tfakkar li hi mhijiex Qorti tal-Appell u għalhekk bl-ebda mod m'għandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmula minn Qorti oħra sakemm ma jiġix ippruvat lilha li kien hemm xi ħaġa intrinsikament ħażina jew qarrieqa fi proċedura li twassal sabiex verament ikun hemm leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq*

....

*Din il-Qorti temfasizza li ma tistax issib l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tas-smigħ xieraq jekk kemm-il darba Qorti tkun ħadet azzjoni u deċiżjoni a bażi ta' protezzjoni u kawtela ta' minuri jew persuna ohra vulnerabbli, li jista' potenzjalment ikun f'periklu"*

108. Din il-Qorti, wara li fliet l-atti fir-reqqa, terġa' ttenni illi, sabiex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) wasslet għad-digriet tal-24 ta' Settembru 2019, hija appuntat ir-rikors għas-smigħ, ħadet konjizzjoni tar-risposta tal-attur kif ukoll semgħet il-partijiet u għarblet il-provi li ġew imressqa quddiemha u kif tipprovdi dik l-istess Qorti, d-deċiżjoni illi l-minuri tabita mal-omm saret.

*"In light of this the Court considers that it is the best interests of the child that pendente lite Natalia resides with Applicant"* (fol 62).

109. L-istess għandu jingħad għal mod kif il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) wasslet għad-digriet tagħha tas-16 ta' Lulju 2020 fejn ċaħdet it-talba tal-attur għar-rikuża.

110. Jirriżulta illi l-attur intavola r-rikors tiegħu fejn talab ir-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Jacqeline Padovani Grima milli tkompli tisma' l-kawża numru 244/2019. Illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sussegwentament l-intavolar ta' dak ir-rikors, appuntat ir-

[68] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Marzu 2024- Rikors Numru: 85/2019

rikors għas-smigħ, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet imbagħad għaddiet għad-deċiżjoni tagħha.

111. Dwar il-prinċipju ta' imparzjalita' referenza ser issir għas-sentenza fl-ismijiet ***Diane Joelyn Portelli vs Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) et***[69] ***fejn*** il-Qorti għamlet analiżi tiegħu u provdiet kif ġej:

*"Dwar il-prinċipju tal-imparzjalita' fi kliem l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights –*

*"An impartial tribunal - 'Impartiality' means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test49: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."*

*Fil-ktieb Human Rights in the Administration of Justice: A Manual on Human Rights for Judges, Prosecutors and Lawyers jingħad hekk-*

*"As to the requirement of impartiality in article 6(1) of the European Convention on Human Rights, the European Court of Human Rights has consistently ruled that it has two requirements, namely, one subjective and one objective requirement. In the first place, "the tribunal must be subjectively impartial", in that "no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias", and this personal "impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary". Secondly, "the tribunal must also be impartial from an objective viewpoint", in that "it must offer guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect".*

*Kif intqal fil-ktieb ta' Van Dijk u Van Hoof "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" -*

*"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

*Fil-każ Wettstein v. Switzerland il-Qorti Ewropeja tenniet:*

*"41. The Court recalls at the outset that in proceedings originating in an individual application it has to confine itself, as far as possible, to an examination of the concrete case before it (see the Minelli v. Switzerland judgment of 25 March 1983, Series A no. 62, p. 17, § 35). Accordingly, in the present case there is no reason to doubt that legislation and practice on the part-time judiciary in general can be framed so as to be compatible with*

[69] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' Ottubru 2022- Rikors Numru: 271/2020

*Article 6. What is at stake is solely the manner in which the proceedings were conducted in the applicant's case.*

*42. According to the Court's constant case-law, when the impartiality of a tribunal for the purposes of Article 6 § 1 is being determined, regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge in a given case – the subjective approach – as well as to whether it afforded sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect – the objective approach (see the Thomann v. Switzerland judgment of 10 June 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996- III, p. 815, § 30). (.......)*

*44. There thus remains the objective test. Here, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (see the Castillo Algar v. Spain judgment of 28 October 1998, Reports 1998-VIII, p. 3116, § 45). This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see the Ferrantelli and Santangelo v. Italy judgment of 7 August 1996, Reports 1996-III, pp. 951-52, § 58).”*

112. Fl-isfond tas-suespost, din il-Qorti ma ssibx illi d-digrieti tal-24 ta’ Settembru 2019 u tas-16 ta’ Lulju 2020 jimmanifestaw xi preġudizzju suġġettiv jew oġġettiv min-naħa tal-ġudikant fil-konfront tal-attur. Illi dik il-Qorti, wara li semgħet il-partijiet, wara li semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha kellha kull dritt tislet il-kunsiderazzjonijiet tagħha bbażati fuq il-komportament tal-partijiet u l-provi mressqa. Illi għaldaqstant din il-Qorti tqis illi ma kien hemm ebda vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u lanqas tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni minħabba nuqqas ta’ imparzjalita’.

*Nuqqas ta’ żmien raġonevoli*

113. Ilment ieħor tal-attur imsejjes fuq l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni huwa dak relatat man-nuqqas tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li toħroġ digriet jew deċiżjoni fi żmien raġonevoli.

114. Illi l-attur jibbaża dan l-ilment fuq dak illi hu jsejjaħ bħala *“psewdo-digriet”* datat 29 ta’ Mejju 2020, u ċioe’ dak mogħti fil-kawża numru 245/2019 mill-Imħallef Abigail Lofaro.

115. Jirriżulta illi fil-premessi tiegħu r-rikorrent jgħid illi *“L-ewwel nett, il-psewdo-digriet jirreferi għal applikazzjoni ineżistenti istitwita nhar is-6 ta’ Mejju 2019, u għalhekk hija qatt ma tista’ tiddikjara jew tiddeċieda fuq xi ħaġa li ma teżistix”* (fol 12). Barra minn hekk, huwa jgħid ukoll illi “*Permezz tal-psewdo-digriet, il-Qorti warrbet ir-rikors tal-esponenti data 6 ta’ Mejju 2020 u ttratiniet il-konsiderazzjoni tal-istess rikors kważi ad infinitum, u b’hekk vjolat id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmein adegwat”* (fol 12).

116. Hawnhekk il-Qorti tibda billi tosserva illi r-rikorrent kien intavola rikors fis-6 ta' Mejju 2020 fl-atti tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 245/2019 fejn talab l-allegazzjoni ma' dawn il-proċeduri ta' kwalunkwe rapport magħmula mill-Aġenzija Appoġġ u ppreżentati fil-kawża numru 244/2019, illi dawn ir-rapporti jkunu disponibbli għall-partijiet u għall-avukati tagħhom, illi jiġi appuntata Avukat tat-Tfal sabiex jisma' lill-minuri Natalia Sarafi, illi r-rapport redatt mill-Avukat tat-Tfal għandu jkun disponibbli għall-partijiet u għall-avukat tagħhom u li l-Qorti, wara li tieħu konjizzjoni ta' dawn ir-rapporti tiddiparixxi mid-digriet mogħti fl-24 ta' Settembru 2019 u tiċħad it-talbiet kontenuti fir-rikors tal-intimata tat-8 ta' Mejju 2019 u tordna illi r-residenza primarja tal-minuri Natalia Sarafi tkun mal-attur u li lill-intimata jingħata dritt ta' viżitazzjoni.

117. Illi a kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrent, illi fid-digriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2020 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tirreferi għall-applikazzjoni ineżistenti istitwita nhar is-6 ta' Mejju 2019 (flok kien hemm indikat is-sena 2020), il-Qorti tosserva illi mill-atti jidher ċar illi fid-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Mejju 2020 miktub bl-idejn fuq l-ewwel paġna tar-rikors *de quo*, ma hemm imkien imniżżel 6 ta' Mejju 2019. Illi dik id-data tas-6 ta' Mejju 2019 (flok 6 ta' Mejju 2020) kienet ġiet erronjament u bi żvista miktuba meta d-digriet kien ġie *typed.*

118. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-fatt illi skont l-attur id-digriet tad-29 ta' Mejju 2020 *"ttratiniet il-konsiderazzjoni tal-istess rikors kważi ad infinitum"* meta l-Qorti ddegretat illi *"abstains from deciding those pleas until it is finally established who is to hear the two court cases in question"* il-Qorti tinnota illi fl-ewwel seduta tal-kawża 245/2019 quddiem l-Imħallef Abigail Lofaro, ossia fid-9 ta' Jannar 2020 kien ġie vverbalizzat :

> *"The Court was informed that there is another case on the same merits of this case and between the same parties which is due for first hearing before this court as presided by Madame Justice Padovani Grima. However, Dr Borg intends to ask that Court as presided to recuse itself from hearing those acts therefore this Court is being asked to put off this case until matters in this regard have been decided".*

119. Illi l-Qorti tinnota illi r-rikorrent eventwalment intavola r-rikors għar-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Padovani Grima fis-17 ta' Frar 2020, aktar minn ħames ġimgħat wara, liema rikors ġie ddegretat fis-16 ta' Lulju 2020.

120. Illi min-naħa l-oħra, l-attur intavola r-rikors surreferit fil-kawża 245/2019 fis-6 ta' Mejju 2020 u ġie ddegretat fid-29 ta' Mejju 2020.

121. Għalhekk, meta r-rikors tal-attur tas-6 ta' Mejju 2020 ġie degretat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Abigail Lofaro, l-kwistjoni tar-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Jacqueline Padovani Grima fil-kawża numru 244/2019 kienet għadha mhux riżolta, kienet għadha pendenti, stante illi d-digriet finali ngħata fis-16 ta' Lulju 2020.

122. B'hekk din il-Qorti tosserva illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawża 245/2019 ma kellhiex mod ieħor għajr li tiddegreta bil-mod kif għamlet. Illi dan sar fl-interess tal-ġustizzja u tal-ċertezza legali.

123. **Madanakollu, tistqarr illi ma tistax tifhem ir-raġuni għaliex ż-żeġt kawżi, *ab initio*, ma ġewx assenjati lill-istess Ġudikant mir-Reġistru tal-Qorti, bħalma jiddetta s-sens komun – jidher illi tali sens mhuwiex daqstant komun fil-bini tal-Qorti, sfortunatament, bir-riżultat illi dawna jwasslu għall-ilmenti u azzjonijiet bħal dawn illi dina l-Qorti qiegħda tikkunsidra.**

124. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq delinjati, din il-Qorti ma tistax ssib illi kien hemm leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni minħabba dewmien.

125. Illi b'hekk it-talbiet numru ħamsa, sitta u sebgħa qegħdin jiġu miċħuda.

**L-Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u l-Artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

126. Referenza ser issir għall-ilment ieħor tar-rikorrent, liema ilment huwa msejjes fuq l-Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u l-Artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

127. Il-Qorti ser tibda billi tittratta l-Artikolu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni billi tirreferi għas-sentenza supraċitata mogħtija fl-ismijiet ***Diane Joelyn Portelli vs Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) et*** fejn il-Qorti tenniet kif ġej:

> *"Dwar l-artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni, jingħad in primis li kif jirriżulta ċar mid-diċitura tiegħu, dan huwa biss introduzzjoni għall-lista ta' Drittijiet Umani u ma jistax jiġi ċitat bħala artikolu li tiegħu jista' jinstab ksur. Persuna li tħoss li nkisrilha jew se jinkisrilha xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tagħha tista' tiftaħ kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) hekk kif provdut fl-Artikolu 46(1) u tali kawża tista' tibbażaha fuq wieħed jew aktar mill-Artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni u fuq l-ebda artikolu ieħor.*
>
> *Ingħad hekk fil-każ Saadia Chabab vs Avukat Ġenerali et deċiż fit-12 t'April 2013 u konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2013 –*
>
> *"Allegat ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*
>
> *Il-Qorti hi tal-opinjoni li r-rikorrenti ma tistax tinvoka li sofriet vjolazzjoni a bażi tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu 32 huwa sempliċiment daħla għal-lista ta' Drittijiet Umani, kif elenkati fl-Kostituzzjoni u għalhekk ir-rikorrenti ma tistax tinvokah kif qed tipprova tagħmel ir-rikorrenti. Il-kostituzzjoni stess fl-Artikolu 46(1) teskludi l-artikolu 32 meta tipprovdi ghall-possibilita ta' allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali a tenur biss talartikoli 33 sa' 45 u kwindi l-artikolu 32 hu eskluż. Difatti l-Prim'Awla fis-sede tagħha kostituzzjonali fit-13 ta' Ġunju, 2011, fil-kawża bl-ismijiet "Ghasan Kaseb et pro et noe vs Il-Prim Ministru et" irriteniet li "l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta' kull persuna li tallega l-ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonjiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni li titlob rimedju lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Iżda l-Artikou 32 mhux inkluż f'dawk imsemmija fl-artikolu 46. L-imsemmi artikolu 32 huwa biss introduzzjoni għad-drittijiet fundamentali (bħal fil-każ ta' l-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni), u għalhekk bħala tali ma jistax jiġi invokat." Kwindi t-talba*

*tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni timmerita li tiġi miċħuda."*

128. Illi in linea mas-sentenza appena ċitata, din il-Qorti tikkonsidra l-Artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni bħala wieħed inapplikabbli u li ma setax jiġi invokat mill-attur.

129. Il-Qorti issa ser tgħaddi biex tistħarreġ dak ilmentat mill-attur fid-dawl tal-Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319.

130. Il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Ogunyemi Kehinde Olusegum u Sandra Wetterich kontra Direttur Reġistru Pubbliku u l-Avukat Ġenerali***[70] fejn il-Qorti spjegat illi:

*"L-Art.8 tal-Konvenzjoni, filwaqt li jenunċja bħala dritt fundamentali d-dritt ta' kulħadd għar-rispett tal-ħajja familjari tiegħu u jimpedixxi indħil minn awtorita' pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt, fis-sub inċiż [2] tiegħu jikkontempla dawk il-każijiet permessi mill-istess Konvenzjoni, li jirrendu legali u leċitu indħil mill-Istat b'deroga ta' dan id-dritt fundamentali.*

*...*

*In linea ta' prinċipju, l-Istat mhux biss m'għandux jindaħal fil-ħajja privata dejjem fil-parametri stabbiliti bl-istess Art.8 iżda għandu "positive obligations inherent in an effective respect for private and family life". Pero' fil-każ "Tysiac vs Poland" ta' l-24 ta' Settembru 2007, il-Qorti Ewropeja għamlitha ċara li kull interferenza mill-Istat tkun ġustifikata jekk tinkwadra fit-tieni paragrafu tal-Art.8.*

*Naturalment dan id-dritt ta' l-Istat irid jittieħed fid-dawl tal-ħajja privata. Għalhekk wieħed irid jara jekk teżistix ħajja familjari li tistħoqq il-protezzjoni u jekk l-interferenza hix ġustifikata (ara Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et, deċiża fl-4 ta' Ottubu 2004).*

*...*

*Ukoll ingħad minn din il-Qorti fit-18 ta' Ġunju 2001 fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet Choubene vs Kummissarju tal-Pulizija -*

*"Illi l-iskop tal-artikolu 8 tal-Kap 319 huwa l-protezzjoni tal-individwu minn azzjoni arbitrarja tal-awtoritajiet pubbliċi – "Gul vs Switzerland" 19/2/96.*

*Tarbija mwielda fi żwieġ hija 'ipso jure' parti minn dik ir-relazzjoni u mill-mument tat-twelid teżisti rabta bejnu w l-ġenituri tiegħu li jammontaw għar-rabta ta' "family life" – ara Berrehab vs Netherlands 21/6/88, u Hokkanen vs Finland 23/9/94 ..."*

131. Il-Qorti sejra terġa' tagħmel referenza għas-sentenza supraċitata fl-ismijiet ***Diane Joelyn Portelli vs Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) et*** fejn il-Qorti għamel analiżi tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u tipprovdi hekk:

[70] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-24 ta' Mejju 2010- Rikors Numru: 54/2008

*"Dwar l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni in il-Qorti stess qalet hekk fil-każ Gilbert Lia et vs Avukat Ġenerali et deċiż fit-28 ta' Settembru 2018 –*

*"Ingħad fid-deċiżjoni tal-Qorti ta' L-Appell fl-ismijiet Nicia Borg et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et li:*

*"L-Artikolu 8 tal-konvenzjoni jpoġġi fuq l-istat l-obbligu li jirrispetta diversi interessi personali fosthom ir-rispett għall-ħajja privata u familjari. Dan l-obbligu però jirrikjedi li l-istat irid jilħaq bilanċ fir-rispett bejn id-drittijiet u privileġġi ta' kull ċittadin u ċioè bilanc bejn l-obbligu ta' l-istat li jipprovdi drittijiet u privileġġi għal kull individwu u l-obbligu li jipproteġi persuni minn aġir ta' persuni privati oħrajn li jippruvaw jostakolaw it-tgawdija ta' dawn id-drittijiet.*

*Il-kompitu tal-qorti ma hux li tara jekk taqbilx mal-ligi, jew jekk, li kieku kienet hi l-leġislatur, kinitx tillegisla mod ieħor; il-kompitu tal-qorti hu li tara jekk il-liġi, kif inhi, tiksirx il-liġi ogħla li tħares id-drittijiet fundamentali.*

*F'deċiżjoni riċenti din il-Qorti diversament preseduta għamlet analiżi ferm dettaljat ta' dawk li huma l-elementi kostituttivi ta' l-artikolu invokat, qalet :*

*"Illi tajjeb li jingħad li "ħajja privata" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għandha tifsira wiesgħa li tgħodd fiha l-aspetti tal-ħajja fiżika u soċjali tal-persuna.*

*"Thus from the beginning the Court eschewed a narrow approach which would limit private life to notions of privacy and protection from publicity, in favour of a broader approach which emphasised the ability to live one's life without arbitrary disruption of interference."*

*Madankollu, il-fatt waħdu li jeżisti tali ndħil mhuwiex raġuni ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 8, liema jedd mhuwiex wieħed assolut. It-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jagħmel eċċezzjonijiet dwar meta l-indħil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd għall-ħajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. Minbarra dan, huwa stabbilit ukoll li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pożittiva li jara li biex tabilħaqq ikun hemm ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 8 b'mezzi effettivi sabiex dan il-ħarsien jiġi attwat.*

*Illi biex indħil bħal dak ikun "skont il-liġi", jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru (unforseeable).*

*Illi, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjeta' demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan huwa imfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod*

*eċċessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet. Kif ingħad "In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its caselaw. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia, T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC], no 28945/95, § 70, ECHR 2001-V, and Sommerfeld v. Germany [GC], no. 31871/96, §62, ECHR 2003-VIII)." I*

*Illi huwa stabbilit li fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita' taħt il-Konvenzjoni "inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system."*

132. Referenza ser issir ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawża ***AB vs CD***[71] fejn il-Qorti esprimiet is-segwenti:

*"One of the most enlightening works which the Court identified on the subject under discussion is the publication entitled "A Judge's Guide – Making Child Centred Decisions in Custody Cases" published by the American Bar Association – Child Custody and Adoption Pro Bono Project, Second Edition (2008). In their introduction the editors succinctly depict in real terms the scenario facing the courts in similar cases: "Child custody and visitation disputes are among the most difficult for judges to decide. These disputes entail complex legal, social, cultural, economic, mental health, and related issues. They require judges to predict likely future behaviour and outcomes, rely increasingly on competing expert testimony, and ultimately depend upon a broad, indeterminate standard of the 'best interests of the child'". The best interests' standard demands that courts decide cases in a way that ensures the well-being of children".*

133. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti tqis illi d-digrieti tal-24 ta' Settembru 2019, tad-29 ta' Mejju 2020 u tas-16 ta' Lulju 2020 bl-ebda mod ma jiksru l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Illi d-digriet tal-24 ta' Settembru 2019, fejn il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat illi *pendente lite* l-minuri Natalia Sarafi tirrisjedi mal-omm u fejn fih stabbiliet l-aċċess tal-missier, ossia, ir-rikorrent, ma jnaqqasx mir-rispett lejn il-ħajja familjari tar-rikorrent. Huwa ngħata d-dritt illi jara lil bintu, anke jekk b'ċerta kundizzjonijiet imposti. Magħdud ma' dan, il-Qorti mmotivat id-deċiżjoni tagħha u wasslet għad-deċiżjoni wara li ħadet kont ta' dak kollu li nstema' quddiemha.

134. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tqis illi ma hemmx leżjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**L-Artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319**

[71] Deċiża fil-11 ta' Diċembru 2012- Rikors Numru: 194/2011

135. Illi l-attur fir-rikors promutur tiegħu jallega wkoll illi ġie vjolat l-Artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319. Illi dan l-artikolu jipprovdi illi persuna għandha tingħata rimedju effettiv.

136. Illi fis-sentenza ***Kudla vs Poland***, deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem[72], il-Qorti Ewropea spjegat illi:

> *"The object of Article 13, as emerges from the* travaux préparatoires *(see the* Collected Edition of the "Travaux Préparatoires" of the European Convention on Human Rights*, vol. II, pp. 485 and 490, and vol. III, p. 651), is to provide a means whereby individuals can obtain relief at national level for violations of their Convention rights before having to set in motion the international machinery of complaint before the Court"*
>
> …
>
> *In any event, subject to compliance with the requirements of the Convention, the Contracting States – as the Court has held on many previous occasions – are afforded some discretion as to the manner in which they provide the relief required by Article 13 and conform to their Convention obligation under that provision (see, for example, the Kaya v. Turkey judgment of 19 February 1998, Reports 1998-I, pp. 329-30, § 106).*
>
> …
>
> *As the Court has held on many occasions, Article 13 of the Convention guarantees the availability at national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they may happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief (see, among many other authorities, the Kaya judgment cited above).*
>
> *The scope of the Contracting States' obligations under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint; however, the remedy required by Article 13 must be "effective" in practice as well as in law (see, for example, İlhan v. Turkey [GC], no. 22277/93, § 97, ECHR 2000-VII).*
>
> *The "effectiveness" of a "remedy" within the meaning of Article 13 does not depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant. Nor does the "authority" referred to in that provision necessarily have to be a judicial authority; but if it is not, its powers and the guarantees which it affords are relevant in determining whether the remedy before it is effective. Also, even if a single remedy does not by itself entirely satisfy the requirements of Article 13, the aggregate of remedies provided for under domestic law may do so (see, among many other authorities, the Silver and Others v. the United Kingdom judgment of 25 March 1983, Series A no. 61, p. 42, § 113, and the Chahal v. the United Kingdom judgment of 15 November 1996, Reports 1996-V, pp. 1869-70, § 145)".*

[72] Deċiża fis-26 ta' Ottubru 2000- Applikazzjoni Numru:30210/96

137. Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Slimani vs France***[73], l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet illi:

*"The Court reiterates that under Article 35 § 1 of the Convention, it may only deal with an application after all domestic remedies have been exhausted. The purpose of Article 35 is to afford the Contracting States the opportunity of preventing or putting right the violations alleged against them before those allegations are submitted to it. The rule under Article 35 § 1 is based on the assumption, reflected in Article 13 of the Convention – with which it has close affinity –, that there is an effective remedy available in respect of the alleged breach in the domestic system, which remedy must also "relate to the breaches alleged and be available and sufficient" (see, for example* Mifsud v. France *(dec.) [GC], no. 57220/00, § 15, ECHR 2002-VIII).*

...

*The Court concludes from this that the applicant had a remedy under domestic law which fulfilled the above-mentioned conditions, that is, was accessible, capable of providing redress in respect of her complaints and offered reasonable prospects of success (see, for example,* Selmouni v. France *[GC], no. 25803/94, § 76, ECHR 1999-V). She was therefore obliged to use it before applying to the Court. As she did not do so, the Court cannot examine the merits of the complaints".*

138. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raphael Farrugia et vs Avukat tal-Istat et***[74], fuq l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, l-Qorti spjegat illi:

*"B'hekk għandu jinftiehem, li dak li jenunċja artiklu 13 tal-Konvenzjoni huwa fih innifsu dritt għalih, separat minn kull dritt ieħor fil-Konvenzjoni, għalkemm essenzjali u addizjonali għal dawk id-drittijiet. L-Awtorita' Nazzjonali li jirreferi għaliha dan l-artikolu, f'dan il-każ, fl-ordinament ġuridiku Malti, hija din il-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha li lilha hija konferita s-setgħa li tipprovdi kull rimedju li jidhrilha li huwa xieraq u desiderabbli bis-saħħa tal-artikolu 46(2) u artikolu 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319 tal-liġijiet ta' Malta rispettivament biex b'hekk tkun tista' tagħti dan ir-rimedju. Għalhekk tajjeb li jiġi ukoll osservat, li artikolu 13 għandu applikazzjoni ex post facto għaliex jippresupponi, li l-ewwel id-dritt irid ikun dikjarat miksur".*

139. Referenza ser issir għas-sentenza fl-ismijiet ***Joan Vella Muscat et vs L-Avukat tal-Istat et***[75] fejn il-Qorti tenniet is-segwenti:

*"L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni jipprovdi:-*

*"Kull min ikollu mħarsa d-drittijiet u libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali*

[73] Deċiża fis-27 ta' Ottubru 2004- Applikazzjoni Numru: 57671/00
[74] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-28 ta' Settembru 2023- Rikors Numru: 248/2021
[75] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Diċembru 2022- Rikors Numru: 89/2021

*għalkemm dan il-ksur ikun sar minn persuni li jkun qed jaġixxu f'kariga uffiċjali".*

*F'artiklu Effective Remedies as a Fundamental Right, Martin Kuijer,16 professur tal-liġi dwar id-drittijiet fundamentali fl-Universita t'Amsterdam, ikkummenta hekk dwar l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 47 tal-EU Charter of Fundamental Rights:-*

*"These provisions are the embodiment of the principle of subsidiarity. This principle is one of the underlying foundations of the Convention mechanism. Domestic authorities of the High Contracting Parties to the ECHR have the primary duty to guarantee Convention rights and freedoms, whilst the Court serves as a 'safety net'. Article 13 of the Convention has therefore "close affinity" with Article 35 paragraph 1 of the Convention. The respondent State 'must first have an opportunity to redress the situation complained of by its own means and within the framework of its own domestic legal system'. The Court may only deal with the matter after all domestic remedies have been exhausted insofar as "that rule is based on the assumption, reflected in Article 13 of the Convention [...] that there is an effective remedy available in the domestic system in respect of the alleged breach". However, "the only remedies which Article 35 paragraph 1 requires to be exhausted are those that relate to the breach alleged and are available and sufficient. The existence of such remedies must be sufficiently certain, not only in theory but also in practice".*

*Dawn il-proċeduri kostituzzjonali huma fihom infushom rimedju effettiv għall-ilment dwar id-drittijiet fundamentali li r-rikorrenti qiegħda tinvoka u ssostni li nkisru. Dan allura jfisser li dak li jesiġi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni huwa li l-Istat Malti jipprovdi mekkaniżmu ta' rimedju effettiv. Infatti r-rikorrenti mhux biss setgħu jieħdu azzjoni dwar l-ilmenti kostituzzjonali tagħhom biex ifittxu rimedju permezz ta' dawn il-proceduri. U sejrin jingħataw rimedju fil-fehma tal-Qorti effettiv. Għalhekk dan l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex ġustifikat.*

*Għalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda ksur tal-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea."*

140. Ikkunsidrat dak fuq riprodott kif ukoll il-provi kif prodotti quddiem dina l-Qorti, hija ma taqbilx ma' dak argumentat mill-attur fir-rikors promutur tiegħu illi m'għandux rimedju. Dan għaliex kif intqal tajjeb fil-kawża hawn fuq ċitata, dawn il-proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali huma rimedju mogħtija lir-rikorrent.

141. Tant kemm huwa hekk illi kif diġa' ngħad aktar kmieni, waqt is-smigħ tal-azzjoni odjerna ġie żvelat u mogħti l-aċċess għar-rapport redatt mill-ħaddiem soċjali Xenia Scicluna Refugio. In oltre, pendenti s-smigħ tal-kawża, l-attur stess fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021 staqsa lil din il-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni u tagħti deċiżjoni dwar it-tieni miżura provviżorja ossia dik relatata mal-ħatra tal-Avukat tat-Tfal. Illi din il-Qorti permezz ta' digriet datat 24 ta' Settembru 2021 (fol 203-205) laqgħet it-talba tal-attur għal miżura provviżorja u ħatret Avukat tat-Tfal (fejn ġiet maħtura Dr Tanya Sammut).

Saħansitra fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2022 din il-Qorti qrat il-konklużjoni li saret minn Dr Tanya Sammut (fol 224-224 et seq).

142. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi ma kien ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

**L-Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 u l-Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni**

143. Ilment ieħor imressaq mill-attur huwa dak imsejjes fuq l-Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni, liema artikoli jipprovdu protezzjoni minn diskriminazzjoni minħabba razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru eċċ.

144. Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Ian Bonello vs L-Avukat tal-Istat et***[76] il-Qorti tenniet illi:

> *"Mhux kull trattament differenzjali jammonta għal ksur tal-Art. 14; dan l-artiklu m'għandux eżistenza indipendenti; il-ksur irid ikun relatat ma' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali sostantivi l-oħrajn elenkati fil-Konvenzjoni.*
>
> ...
>
> *Barra minn hekk, min jallega diskriminazzjoni jrid ikun f'pożizzjoni li jqabbel lilu nnifsu ma' ħaddieħor fl-istess ċirkostanzi (in pari condizione)".*

145. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Sommerfeld vs Germany***[77] il-Qorti provdiet illi:

> *"84. Article 14 only complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to that extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (see, among many other authorities, Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom, judgment of 28 May 1985, Series A no. 94, p. 35, § 71, and Karlheinz Schmidt v. Germany, judgment of 18 July 1994, Series A no. 291-B, p. 32, § 22).*

146. Illi l-attur isostni illi huwa sofra diskriminazzjoni abbażi ta' sess u/jew ġeneru.

147. Il-Qorti tirrileva illi r-rikorrent ma ġab ebda prova li turi kif huwa sofra diskriminazzjoni minħabba l-ġeneru tiegħu.

148. Għalhekk, mingħajr ebda delungar żejjed, din il-Qorti tikkonkludi illi dana l-ilment dwar diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u tal-Artikolu 45 (3) ma jistax jintlaqa'.

[76] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Marzu 2024- Rikors Numru: 56/2021
[77] Deċiża fit-8 ta' Lulju 2003-Applikazzjoni Numru: 31871/96

149. Finalment, din il-Qorti tosserva illi, għal dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri provviżorji imsemmija fl-ewwel u fit-tieni talba tar-rikors promutur, fil-mori tas-smigħ tal-kawża odjerna, l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni u tiddeċiedi dwar it-tieni miżura provviżorja relattiva għall-ħatra tal-Avukat tat-Tfal, liema miżura provviżorja kienet ġiet milqugħa.

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi rat il-proċeduri kollha illi, fil-preżent, għadhom qed jistennew l-eżitu tal-proċeduri odjerni;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tal-attur stante illi kif spjegat aktar 'il fuq, din il-Qorti ġiet mitluba sabiex tieħu konjizzjoni u tiddeċiedi dwar it-tieni miżura provviżorja;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tal-attur billi din il-Qorti diġa' ppronunzjat ruħha fuq tali talba permezz ta' digriet tal-24 ta' Settembru 2021;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni tal-intimati Avukat tal-Istat u Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza filwaqt illi:

**Tilqa'** t-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa', l-għaxar, u l-ħdax eċċezzjoni u **tiċħad** il-kumplament tal-eċċezzjonijiet;

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta tal-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u tiddikjara illi ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-vertenza u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta tal-intimati u tiddikjara illi l-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza u tiddikjara illi ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-vertenza u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa fir-risposta tal-intimata Anna Zioura , tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet preliminari.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tal-intimata Anna Zioura li għandhom x'jaqsmu mal-vjolazzjoni tal-Artikolu 3,6, u 8 tal-Konvenzjoni u tiċħad l-eċċezzjonijiet relattivi għall-miżuri provviżorji.

U għalhekk:

Għajr għal dak ġia deċiż kif fuq aħjar spjegat;

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.**

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**